Vol 32
Nru 172
April - Ġunju 2011

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta.
Tel: 21 242254
Fax: 21 252031

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li
jidher f'din ir-Rivista huwa
Copyright © tal-Kummis-
sarjat tal-Art Imqaddsa u
l-Edizzjoni TAU, 2011

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Ġerusalemm - Knisja ta' San Salvatur*

# Werrej



6



19



23



27


6 Il-Knisja ta’ San Salvatur f’Ġerusalemm

19 Messaġġiera ta’ Alla

23 Ngħixu fl-Imħabba l-qawmien ta’ Kristu

27 L-Omm ta’ Ġesù ħdejn is-Salib (2)

30 Il-Verġni Marija fl-eżortazzjoni appostolika *Verbum Domini*

36 It-Testment il-Ġdid fid-dawl tat-Testment il-Qadim

41 Iż-Żwieġ fl-Iskrittura (1)




30

# Editorjal

ta’ P. Twanny Chircop ofm



## TAQLIB POLITIKU FIL-LVANT NOFSANI

Matul dawn l-aħħar xhur qegħdin naraw sensiela ta’ taqlib politiku fil-pajjiżi tal-Lvant Nofsani u tal-Afrika ta’ Fuq. Pajjiżi bħat-Tuneżija, Eġittu, Ġordanja, Sirja, Yemen, Bahrain, Libja, diġà raw protesti kontra monarkiji u dittaturi stabbiliti għal snin twal, li minn xi daqqiet kienu wkoll vjolenti u, fil-każ tal-Libja, kibru fuq skala ta’ gwerra ċivili li fiha ma naqsitx il-brutalità ta’ sistema li kienet għajn ta’ oppressjoni għal numru kbir ta’ snin. Figuri politiċi importanti kellhom iwarrbu, u oħrajn għadhom jitħabtu biex iżommu posthom quddiem popolarità li dejjem tonqos u oppożizzjoni mill-ġenerazzjonijiet żgħażagħ li jiffurmaw il-maġġoranza tal-popolazzjonijiet fil-pajjiżi Għarab tar-reġjun.

L-influwenza tal-media u l-Internet fuq dan it-taqlib hi evidenti, kif ukoll il-ħeġġa kbira għal demokrazija. Il-problema kbira issa tibqa’ dik li wieħed jifhem x’tip ta’ demokrazija se toħroġ f’dawn il-pajjiżi li qatt ma ġarrbu esperjenza ta’ gvern demokratiku fuq stil oċċidentali, u li ħafna drabi huma iffurmati minn tribujiet differenti aktar milli minn soċjetà magħquda.

Il-pajjiżi tal-punent qegħdin iħarsu bi preokkupazzjoni lejn din is-sitwazzjoni. Fuq in-naħa tagħhom l-Istati Uniti tal-Amerika għandhom preokkupazzjoni biex iħarsu l-interessi ekonomiċi f’pajjiżi hekk importanti bħall-Eġittu, Ġordanja, Għarabja Sawdita u l-Istati tal-Golf. Il-problema tal-Libja tħalliet l-aktar f’idejn l-Unjoni



*...editorjal*

## *Taqlib Politiku fil-Lvant Nofsani*

Ewropea, għalkemm saru interventi militari mhux biss mill-pajjiżi tal-Mediterran, imma wkoll min-NATO. Il-pajjiżi li jinsabu fil-Mediterran, inkluż pajjiżna, huma mbeżżgħin minn eżodu ta' rifuġjati u minn mewġiet ta' immigrazzjoni klandestina mill-Afrika ta' Fuq, jekk is-sitwazzjoni fil-Libja tkompli teħżien. Fuq in-naħa tiegħu Israel qiegħed iħares b'attenzjoni lejn dak li qed jiġri mal-fruntieri tiegħu f'pajjiżi li magħhom kellu relazzjonijiet stabbli ta' paċi, almenu formali, sa mill-ftehim ta' Camp David mal-Eġittu u l-Ġordanja, filwaqt li jkompli jkabbar is-suspetti tiegħu kontra s-Sirja u l-Libanu, li magħhom hu teknikament fi stat ta' gwerra.

Hemm aspett li ġie pjuttost minsi fin-nisġa ta' dawn il-ġrajjiet, għaliex mhux tant importanti għal min għandu interessi politiċi u ekonomiċi. Qiegħed nirreferi għall-ġejjieni tal-Insara li jgħixu f'dawn il-pajjiżi li huma ta' maġġoranza Musulmana. Fl-Eġittu l-Insara jiffurmaw biss 10 fil-mija tal-popolazzjoni, u huma preżenti wisq inqas f'pajjiżi oħrajn tal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq. Minkejja dan l-Insara huma konxji li l-Kristjaneżmu twieled proprju f'dan ir-reġjun, u li qabel ma' dawn il-pajjiżi nħakmu mill-Islam fis-seklu 7 dawn l-artijiet kienu kollha Insara. Fil-fatt il-Lvant Nofsani u l-kosta kollha tal-Afrika ta' Fuq kienu ċentri ta' komunitajiet Insara fjorenti matul il-perjodu tal-ħakma Biżantina (313-638).

F'liema mod l-Insara jiffurmaw parti mill-istorja ta' dak li qiegħed jiġri bħalissa fil-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq? It-tweġiba hi sempliċi. Ħafna mir-reġimi dittatorjali li ggvernaw dawn il-pajjiżi għal għexieren ta' snin, minkejja l-metodi brutali u l-abbużi ta' drittijiet umani li kienu magħrufin għalihom, b'ċertu mod kienu jiggarantixxu xi tip ta' stabbilità li kienet tipproteġi l-minoranza ta' Insara minn elementi estremisti Islamiċi preżenti f'dawn il-pajjiżi. Malli waqa' r-reġim ta' Saddam Hussein fl-Iraq, per eżempju, l-Insara naqsu

hekk li llum huma minoranza insinifikanti għax bosta kellhom jemigraw quddiem il-persekuzzjoni minn elementi estremisti Islamiċi li nqdew bis-sitwazzjoni mħawda fil-pajjiż. L-istess ħaġa tista' tiġri fis-Sirja, fejn l-Insara huma liberi biex jesprimu t-twemmin tagħhom. Fl-Eġittu l-Insara Kopti diġà sofrew vjolenza u attakki barbari kontra l-knejjes li ġew maħruqa minn estremisti Islamiċi.

Dnub li s-soċjetà sekolarizzata fl-Ewropa mhijiex konxja mill-periklu kbir li jaffaċċjaw l-Insara fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika ta' Fuq kull meta jinħoloq vojt ta' poter. L-iżball tal-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea hu li jaħsbu li s-soluzzjoni għal dittaturi krudili fir-reġjun hu li jitneħħew u jieħu posthom gvern demokratiku fuq stil oċċidentali. Imma fil-pajjiżi Għarab tal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq dan it-tip ta' gvern ma jistax jimmaterjalizza. L-ideali ta' demokrazija li għandhom il-ġenerazzjonijiet żgħażagħ f'dawn il-pajjiżi ma nafux eżattament xi jfissru għax mhux faċli tkun taf kif in-nies fil-pajjiżi Għarab jifhmu l-kelma demokrazija. Ħadd ma jaf jekk id-demokrazija tiddeġenerax f'anarkija li fiha jieħdu sopravvent elementi fanatiċi Musulmani li kienu miżmuma taħt kontroll mid-dittaturi li issa qed jitneħħew wieħed wara l-ieħor. Jekk jiġri dan se jbatu l-aktar il-minoranzi, inklużi l-Insara.

U x'ngħidu dwar l-Art Imqaddsa? Is-sitwazzjoni bħalissa hi stabbli u ma naħsibx li se jkun hemm l-istess stil ta' oppożizzjoni vjolenti fis-soċjetà Palestinjana li ma tkunx immedjatament ikkontrollata bil-forza kemm min-naħa tal-Awtorità Palestinjana kif ukoll minn Israel, li qatt ma hu se jittollera destabilizzazzjoni f'daru stess. Minkejja dan, mhux ta' min jinsa li l-Palestinjani huma mxebbgħin mill-awtorità li tiggverna fix-Xatt tal-Punent, kif ukoll mill-okkupazzjoni Israeljana. Quddiem dawn iċ-ċirkustanzi s-sitwazzjoni tista' tideġenera wkoll fl-Art Imqaddsa. Dan ikun ifisser problemi ġodda għall-preżenza Kristjana fl-Art Imqaddsa, li niftakru li hi inqas minn 2 fil-mija tal-popolazzjoni.

Għal din ir-raġuni l-ġrajjiet li qed iseħħu fl-Afrika ta' Fuq u fil-Lvant Nofsani mhumiex biss sinjal ta' instabilità politika. Huma wkoll sinjal ta' xewqa għal demokrazija, li għadna ma nafux jekk hix meqjusa bħala vittorja għal elementi moderati fuq dittaturi brutali, jew inkella bħala vittorja għal elementi Islamiċi estremisti li mbagħad jimponu lilhom infushom bħala dittatura ġdida fir-reġjun. Jekk dan ikun il-każ, mela t-tibdil li hu ittamat li jseħħ fil-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq ikun seħħ għall-agħar u mhux għall-aħjar. L-Insara li jgħixu f'dan ir-reġjun ma jkunux aktar ixxurtjati minn sħabhom li kellhom jaħarbu mill-Iraq wara s-soluzzjoni li l-pajjiżi tal-punent qalu li sabu biex ineħħu dittatura minn dan il-pajjiż. J'Alla l-pajjiżi tal-punent iqumu min-nagħas li jinsabu fih jekk ma jridux li l-istess problemi ta' intolleranza reliġjuża jidħlulhom f'darhom.



# IL-KNISJA TA' SAN SALVATUR F'ĠERUSALEMM

***Metodio Brlek ofm***

*Qegħdin inġibu traduzzjoni ta' studju interessanti tal-istoriku tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, Patri Metodio Brlek, li llum jinsab mimli bil-għomor fl-infermerija kustodjali tal-Kunvent ta' San Salvatur f'Ġerusalemm. Dan l-istudju, intitolat "La Chiesa di San Salvatore. Storia e Arte", kien deher bħala Suppliment tar-Rivista "La Terra Santa" fil-ħarġa ta' Mejju-Ġunju 1986. Hawnhekk sejrin nillimitaw ruħna biss għat-traduzzjoni tal-artiklu, mingħajr l-apparat kritiku tassew interessanti li jifforma l-qafas tar-riċerka xjentifika ta' Patri Metodio, u li jista' jiġi kkonsultat fl-edizzjoni bit-Taljan fir-Rivista li semmejna.*

Fid-29 ta' Novembru 1885, li dik is-sena ħabat l-Ewwel Ħadd tal-Avvent, ġiet ikkonsagrata l-Knisja ta' San Salvatur ta' Ġerusalemm minn Monsinjur Vincenzo Bracco, Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm.

Ir-rit solenni tal-konsagrazzjoni dam aktar minn ħames sigħat, mis-sebgħa ta' filgħodu sa nofsinhar u kwart. Wara waqfa ta' xi nofs siegħa, ġiet iċċelebrata quddiesa solenni li għalqet iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi fis-sagħtejn ta' wara nofsinhar.

Patri Guido Corbelli da Cortona, Kustodju tal-Art Imqaddsa mill-1880 sal-1886, jinnota fid-Djarju tiegħu, b'sens ta' sodisfazzjon kbir, li kollox kien mar sewwa b'mod meraviljuż.

Imma biex kollox seta' jmur tajjeb b'mod meraviljuż, u fil-każ speċifiku dwar dak li kellu x'jaqsam maċ-ċerimonji li saru, kien meħtieġ li jsiru manuvri diplomatiċi mill-Gvern Imperjali-Rjali tal-Awstrija, mill-Gvern ta' Franza u anke mis-Santa Sede.

Fuq il-faċċata monumentali ta' knisja f'Venezja naqraw din l-iskrizzjoni: "Non sine iugi interiori exteriorique bello" (Mhux mingħajr it-toqol tat-taħbit minn ġewwa u ta' gwerer minn barra). Espressjoni latina li tispjega tajjeb dak li rridu ngħidu.

Din l-epigrafe ta' Venezja, fil-fatt, tista' tiġi applikata b'mod perfett, eżatt kif inhi, għall-każ tal-Knisja ta' San Salvatur f'Ġerusalemm, u forsi f'dan il-każ b'raġun akbar. Il-ġustifikazzjoni ta' dak li qed ngħidu titlob minnha espożizzjoni twila ħafna, li hawnhekk mhux l-iskop tagħna li nagħmluha. Li se nippruvaw nagħmlu hu li nagħtu rakkont fil-qosor tal-ġrajja ta' din il-knisja.

## Il-Knisja qadima ta' San Salvatur

L-istorja tibda fl-1559, jiġifieri meta l-Franġiskani akkwistaw, ġewwa mis-swar ta' Ġerusalemm, monasteru li mbagħad sar il-Kunvent ta' San Salvatur. Is-sena 1559 timmarka wkoll bidu ġdid fl-istorja tal-preżenza Franġiskana fil-Belt il-Qaddisa. Kien f'dik is-sena li l-Franġiskani tkeċċew definittivament mill-aħħar biċċa kunvent li kellhom fiċ-Ċenaklu, imsejħa "il-Forn", wara li fl-1551 kienu diġà tkeċċew mill-kamra ta' fuq taċ-Ċenaklu, fejn kienu ilhom preżenti mill-1335. Iċ-Ċenaklu kien il-kunvent fejn kien jgħix il-Gwardjan tal-Għolja ta' Sijon, li fil-21 ta' Novembru 1342, bil-Bulla "Gratias agimus" tal-Papa Klement VI, sar il-Kustodju tal-Art Imqaddsa. F'din is-sitwazzjoni diffiċli l-patrijiet irnexxielhom jittrasferixxu s-sede tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa billi marru joqogħdu fil-monasteru ta' El-Amud, li kien monasteru ta' monaċi Ġorġjani.

Bħall-monasteri kollha, dan il-monasteru tal-Ġorġjani kellu knisja ġewwa fil-ħitan tiegħu, li kienet mibnija fuq stil tipiku monastiku-orjentali, biex tkun għall-użu biss tal-komunità reliġjuża ta' monaċi Ġorġjani li kienu jgħammru hemm.

Karatteristika interessanti oħra ta' din il-knisja kienet li ma kinetx tinsab mibnija fil-livell ta' isfel tal-monasteru, imma – forsi minħabba raġunijiet ta' dislivell tal-art – kienet mibnija fil-livell tal-ewwel sular.

Din il-knisja baqgħet sostanzjalment bla ebda tibdil sas-seklu 18, almenu f'dak li kellu x'jaqsam mal-binja tagħha.

Fl-ewwel kwart tas-seklu 17, Quaresmio ħallielna deskrizzjoni qasira ta' kif kienet il-Knisja ta' San Salvatur fi żmienu:

"Il-Knisja hi ċkejkna, u għandha forma kwadrata. Fil-parti tal-lvant tagħha hemm abside bl-altar maġġur fejn hi mħarsa l-Ewkaristija. Fil-kwadru tal-altar hi mpittra x-xena tal-inżul tal-Ispirtu s-Santu fuq il-Madonna u l-Appostli. Il-kor tal-patrijiet jinsab quddiem l-altar maġġur, u preċiżament fiċ-ċentru tal-Knisja, taħt il-koppla, li bit-twieqi tagħha tagħti d-dawl lill-ambjent kollu. Fuq in-naħa tat-tramuntana tal-kor hemm l-altar iddedikat lill-Aħħar Ċena; filwaqt li fin-naħa l-oħra li tħares lejn in-nofsinhar hemm l-altar iddedikat lil San Tumas Appostlu bil-pittura li tirrappreżenta lil Kristu Rxoxt li jidher lid-dixxiplu li kien għadu ma riedx jemmen. Mid-disa' lampieri li hemm fil-Knisja, tnejn jinsabu fid-daħla u tnejn fin-naħa ta' quddiem tal-istess Knisja".

Dan id-dettall tal-aħħar hu interessanti, għaliex jurina b'mod indirett li d-daħla tal-Knisja kienet f'pożizzjoni skabruża, minħabba li ma tantx kien hemm dawl.

Nistgħu mela ngħidu li kienet Knisja ċkejkna u ta' aspett pjuttost miżeru. Minkejja dan, diġà fl-1561, il-Papa Piju IV kien żejjinha bl-istess indulġenzi li fl-antik kienu jaqilgħu l-pellegrini li jżuru ċ-Ċenaklu, li kif rajna l-patrijiet tilfuh darba għal dejjem fl-1551. Irridu wkoll infakkru li l-istess indulġenzi, f'Novembru 1885, kienu ġew ittrasferiti fil-Knisja ta' San Salvatur mill-Papa Ljun XIII. Il-Knisja ċkejkna, li f'nofsha kien hemm il-kor tar-reliġjużi, u fil-ġnub tagħha kien hemm żewġ altari, fl-1621 ġew miżujdin fiha żewġ altari oħrajn. Il-kronista ta' dak iż-żmien jgħid li dawn kienu saru meħtieġa, imma ma jispeċifikax eżattament fejn kienu jinsabu dawn l-altari. Fl-istess ħin, iżda, jgħidlna li dawn l-altari kienu ddedikati wieħed lil San Franġisk u l-ieħor lil Santu Rokku.

Qrib is-sena 1630 nafu li fil-Knisja kien hemm orgni, li ċertament ma kienx kbir, imma li kien meħtieġ għaċ-ċelebrazzjoni dekoruża u solenni tal-liturġija.

Din il-Knisja dejjem kellha l-problema prattika tal-ispazju ristrett li kienet tokkupa. Din il-Knisja ċkejkna, li baqgħet Knisja interna fil-ħitan ta' monasteru li issa kien sar kunvent tal-Franġiskani, matul l-ewwel seklu tal-preżenza tal-Franġiskani f'dan il-post rat titwieled madwarha – wara l-epoka medjevali – komunità mġedda ta' Latini, jew Kattoliċi, fil-Belt il-Qaddisa, u dan f'forma organizzata, hekk li saret iċ-ċentru tal-ewwel parroċċa Latina (Kattolika) ta' Ġerusalemm.

Il-Konċilju ta' Trento (1545-1563) u t-twaqqif tal-Kongregazzjoni Rumana ta' "Propaganda Fide" (1622) kienu ħadmu biex jiġġeddu l-liġijiet tal-Konċlju ta' Vienna (1311-1312) rigward l-apostolat tar-Reliġjużi, imma fl-istess ħin kienu taw spinta ġdida lill-ħidma missjunarja, permezz ta' strutturi u orjentamenti adegwati għal dan l-iskop.

Il-Franġiskani, li issa bdew jgħixu ġewwa l-ħitan tal-Belt il-Qadima u mhux aktar barra mill-ħitan tal-Belt, kif kienu fiċ-Ċenaklu, issa beda jkollhom kuntatt aktar kontinwu u regolari man-nies tal-post.

Li tirrakkonta l-istorja tal-Knisja ta' San Salvatur ifisser li trid tagħti ħarsa wkoll lejn il-mixja diffiċli tal-istess parroċċa Latina ta' Ġerusalemm, li għal kważi tliet sekli kienet l-unika struttura Kattolika f'Ġerusalemm. L-eqdem statistika tal-parroċċa ta' San Salvatur li ġiet ippubblikata sa issa, tmur lura għall-1664, u fiha naraw li l-parroċċa kienet iffurmata minn 68 fidili Kattoliċi.

Fl-1719 il-parruċċani kienu jlaħħqu t-320 ruħ. Sadanittant anke l-komunità reliġjuża bdiet tikber fin-numru, minħabba li żdiedu l-attivitajiet tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, li tagħha l-Kunvent ta' San Salvatur sar iċ-ċentru amministrattiv.

Għaldaqstant bdiet tikber il-problema rigward kif seta' jinstab spazju għal numru dejjem jikber ta' fidili fi Knisja li kienet hekk żgħira. L-ewwel tentattiv sar fl-1722, meta wara ħafna problemi l-awtoritajiet Torok Ottomani taw il-permess biex il-patrijiet ikabbru n-naħa tal-abside biex hemm iqiegħdu l-kor tal-patrijiet, li fih kien hemm 36 stalli, ħalli b'hekk il-fidili jkunu jistgħu jokkupaw in-navata tal-Knisja quddiem l-altar maġġur. Fil-prattika din kienet biss soluzzjoni temporanja, li mill-ewwel dehret li kienet inadegwata, għaliex fi ftit snin il-fidili kienu żdiedu hekk li fl-1729 laħqu ċ-ċifra ta' 414. F'dik l-istess sena ġie deċiż li jsir tkabbir ieħor, dejjem naturalment wara li nkisbu l-permessi mill-awtorità Torka.

L-aħjar soluzzjoni kienet tidher li tkun dik li tittawwal

*Kunvent ta' S. Salvatur*



il-Knisja almenu b'terz, biex b'hekk l-altari tal-Aħħar Ċena u ta' San Tumas setgħu jmorru fuq il-ħajt tal-lvant tal-Knisja, wieħed fuq kull naħa tal-altar maġġur, u ż-żewġ altari l-oħrajn ta' San Franġisk u Santu Rokku jiġu sistemati quddiem iż-żewġ pilastri li kienu jwieżnu l-koppla. Il-kontemporanju Patri Elzeario Horn, bniedem bieżel għall-aħħar, ħallielna fi pjanta kif kienet imqassma b'mod ġenerali l-Knisja wara dawn l-arranġamenti. Mhux biss, imma ma ttraskurax lanqas li jagħtina xi tagħrif interessanti, bħalma kienet dik dwar l-arazzi li nġabu minn Vienna fl-1730 u li kienu jżejnu l-ħitan tal-Knisja, u dik dwar l-orgni, b'24 reġistru, li tiegħu wkoll jippreżenta disinn.

Minn dawn id-dettalji kollha nistgħu nikkonkludu li anke x-xogħol li sar fl-1729 kien limitat biss għal titjib ġenerali tal-Knisja, billi l-patrijiet ma setgħu jagħmlu xejn aktar f'dak il-mument.

Għalkemm l-ispazju tal-Knisja kien żdied, imma kienu ntilfu l-proporzjonijiet arkitettoniċi tal-binja, almenu bil-mod ftit jew wisq loġiku li fih kienu jeżistu qabel. Ta' min iżid li ma kienx possibbli li l-ambjent jiġi mżejjen minn fetħiet oħrajn biex minnhom jidħol id-dawl naturali.

Matul is-seklu 18 l-intern ta' din il-Knisja, li kienet hekk sagrifikata, ġie mżejjen b'opri ta' arti ta' preġju kbir. Biżżejjed insemmu l-kapulavuri ta' arġenterija Naplitana u Venezjana li għadhom jitgawdew sal-lum fiż-żewġ kandelabri monumentali u fil-ventartal sabiħ, kollha tal-fidda maħduma u martellata. Sal-lum il-ġurnata l-presbiterju tal-Knisja ta' San Salvatur għadu jiżżejjen b'dawn iż-żewġ kandelabri kbar, u bil-ventartal li jintrama' quddiem il-mejda Ewkaristika fil-festi l-kbar tas-sena, u li jirrappreżenta d-dehra tal-inżul tal-Ispirtu s-Santu fuq Marija u l-Appostli fiċ-Ċenaklu nhar Pentekoste.

Fl-1848 il-parruċċani ta' San Salvatur kienu laħqu ċ-ċifra ta' 940. Minkejja l-isforzi kollha tal-Franġiskani biex irendu l-Knisja funzjonali matul tliet sekli ta' storja, aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar il-Knisja ta' San Salvatur bdiet issir żgħira u mhux tajba biżżejjed għall-ħtiġijiet dejjem jikbru mhux biss ta' komunità parrokkjali normali, imma wkoll ta' komunità reliġjuża numeruża, li kienet l-akbar waħda tal-Kustodja, billi l-Kunvent ta' San Salvatur hu r-residenza uffiċjali tal-Kustodju u ċ-ċentru tal-attività kollha tal-Kustodja.

Patri Francesco Cassini ħallielna kitba dwar il-qagħda li fiha kienet tinsab il-Knisja ta' San Salvatur fl-1846: "Jiena ngħidilkom li l-aktar Knisja żgħira tal-kunventi tagħna l-Franġiskani fl-Italja tisboq sew lill-Knisja ta' San Salvatur f'Ġerusalemm fil-kobor, fl-eleganza u fit-tiżjin. Xi tgħidu meta tisimgħu li jiena nqabbel din il-Knisja pjuttost ma' maħżen, u ngħidilkom li hi żgħira u dejqa, li għandha saqaf baxx, u ħitan li jbikkuk?"

Din, mela kienet is-sitwazzjoni tal-Knisja ta' San Salvatur lejn

in-nofs tas-seklu 19. Imma ż-żminijiet kienu bdew jinbidlu. L-id iebsa tal-ħakma tat-Torok Ottomani, li mill-1517 kienu propjetarji tal-Palestina, issa ma kinetx għadha daqshekk b'saħħitha, u bis-saħħa tal-missjonijiet diplomatiċi Ewropej f'Istanbul kien beda jsir ftit aktar faċli biex jinkisbu permessi għall-bini jew tkabbir ta' postijiet ta' kult insara fl-Art Imqaddsa.

Kien għalhekk li, mill-1850, nassistu għal sforzi, din id-darba deċiżivi, biex il-Knisja ta' San Salvatur f'Ġerusalemm terġa' tinbena mill-ġdid u tkun tassew dik li baqgħet sal-ġurnata tal-lum: il-Knisja ewlenija u l-akbar waħda f'Ġerusalemm, li fiha tista' tiltaqa' l-komunità parrokkjali Latina u fejn isiru l-aktar ċelebrazzjonijiet liturġiċi solenni, barra dawk fil-Qabar ta' Kristu, b'dinjità u dekor kif inhu xieraq.

## Tentattivi biex tinbena l-knisja l-ġdida

Billi raw l-affarijiet kif kienu, u qiesu li kull arranġament ieħor fil-fatt ma kien se jwassal imkien, il-Franġiskani ddeċidew li jressqu talba quddiem il-Gvern Ċentrali Tork biex ikunu jistgħu jibnu knisja ġdida, wara li jkunu waqqgħu l-qadima.

F'Settembru 1850 waslet it-tweġiba uffiċjali li fis-sostanza kienet tgħid hekk: is-Sultan kien jagħraf l-istat miżeru attwali tal-Knisja u l-ħtieġa li jsiru xogħlijiet meħtieġa; iżda biex jagħti l-awtorizzazzjoni li kienet mitluba kien ppreċiżat b'mod tassattiv li l-patrijiet ma setgħux jissuperaw lanqas b'tul ta' saba' jew id id-dimensjonijiet tal-knisja eżistenti, kemm fit-tul, kemm fil-wisgħa u wkoll fl-għoli. Il-konfigurazzjoni ġenerali tal-bini kellha wkoll tinżamm kif kienet; ma setgħux iżidu xejn ma' dak li kien diġà jeżisti qabel.

Inutli ngħidu li din it-tweġiba kienet kapulavur awtentiku ta' diplomazija makakka: kienet tikkonċedi l-permess bil-kliem imma tiċħdu fis-sostanza. X'setgħu jagħmlu l-patrijiet? Kellhom jieħdu paċenzja u jistennew żminijiet aħjar.

Mhux importanti li nieqfu fuq it-tul ta' żmien ta' aktar minn tletin sena, li fih il-patrijiet komplew jagħmlu talbiet ġodda u formali,



*Franz Josef Imperatur tal-Awstrija*

biex jiksbu l-awtorizzazzjoni meħtieġa, u kull darba jirċievu ċaħdiet formali. Imma f'dan il-perjodu jaqbel li nsemmu fatt apparti li jixraq li jitfakkar.

F'Novembru 1869 kien ġie bħala pellegrin fl-Art Imqaddsa Franz Josef, Imperatur tal-Awstrija. Meta ra b'għajnejh il-Kunvent ta' San Salvatur, hekk kiteb testwalment: "jiena ipperswadejt ruħi kemm hi miżera u tal-biki, kif ukoll inutli għall-ħtiġijiet attwali, l-knisja parrokkjali ta' San Salvatur ... Billi ridt inħalli tifkira tal-preżenza tiegħi fl-Art Imqaddsa billi nikkontribwixxi għall-postijiet tal-kult tan-nies tar-reliġjon tiegħi, u fl-istess ħin nagħti lill-benemeritu Ordni Franġiskan is-sinjal u l-prova tal-benevolenza sovrana tiegħi, jiena għoġobni li noffri 60,000 frank għall-bini mill-ġdid ta' din il-knisja parrokkjali. Din is-somma għandha tingħata mit-teżor privat tiegħi lir-Reverendissimu Patri Kustodju li jkun in kariga, skont il-ħtiġijiet u l-progress li jkun qiegħed isir fil-bini". Fit-12 ta' Novembru 1869 mela l-Imperatur indirizza din l-ittra lill-Patri Kustodju f'Ġerusalemm. L-ittra ġiet ippubblikata l-ewwel darba fl-1883.

Dan il-ġest uniku ma waqafx hawnhekk. L-istess Imperatur, naturalment permezz ta' mezzi diplomatiċi, ipprova jerġa' jqajjem il-kwestjoni tat-talba tal-patrijiet biex jerġgħu jibnu l-knisja u jibda x-xogħol; imma t-talba tiegħu ukoll ġiet irrifjutata.

Minkejja r-rifjut li rċieva l-Imperatur ma irtirax l-offerta kbira ta' flus u ried li din ma tkunx destinata għal skopijiet oħrajn, anke l-aktar tajbin u qaddisa. Is-somma li wiegħed setgħet tistenna żminijiet aħjar biex tkun minfuqa skont l-intenzjoni ta' min offrieha bla ebda bdil.

Kif rajna, f'Novembru 1869, l-Imperatur tal-Awstrija Franz Josef intebaħ personalment bl-"insuffiċjenza" tal-Knisja ta' San Salvatur. Ta' min iżid li din l-"insuffiċjenza" ma kinetx biss f'relazzjoni mal-parroċċa, imma wkoll



*Knisja ta' San Salvatur minn ġewwa*

f'relazzjoni mal-komunità reliġjuża. Proprju wara l-1870, fil-Kunvent ta' San Salvatur kien qiegħed jiġi iffurmat Seminarju Teoloġiku għall-kjeriċi Franġiskani. Waħda mill-problemi kbar għal sistemazzjoni adegwata kienet rappreżentata miċ-ċokon tal-Knisja, u mill-fatt li l-kor kien żgħir wisq biex jilqa' fih ir-reliġjużi kollha. Mill-1866, għal diversi drabi, il-Kustodju, Patri Serafino Milani, kien kiteb dwar din il-qagħda lill-Ministru Ġeneral tal-Ordni. Fit-2 ta' Diċembru 1866 kien kitiblu hekk: "Il-kor ma nistax inkabbru bl-ebda mod, u ma nafx kif nista' nakkomoda fih lill-kjeriċi. Id-dixxiplina fil-kor ma nistgħux inħarsuha kif suppost ... kif nistgħu ndaħħlu l-kjeriċi fil-kor? ... Ma nistgħux inkabbru l-kor sakemm il-Providenza ma tippermettilniex li nkabbru l-Knisja ta' San Salvatur."

Insemmu biss li wkoll fl-1876 wasal rifjut ieħor, din id-darba wkoll bil-ġustifikazzjoni li f'Ġerusalemm diġà kien hemm bosta knejjes, u li ma kienx hemm bżonn ta' knisja oħra!

## L-Arkitett tal-Knisja l-ġdida ta' San Salvatur u l-bini tal-istess Knisja

Fit-3 ta' Settembru 1880 wasal rifjut ieħor, imma dan kellu jkun l-aħħar wieħed fil-lista twila ta' rifjuti tal-bini tal-knisja l-ġdida.

Fil-fatt, wara biss xahrejn, u preċiżament fid-9 ta' Novembru 1880, ġie approvat mill-awtorità l-proġett tal-Knisja l-ġdida ta' San Salvatur, imma bil-kundizzjoni, li ħarġet uffiċjalment fl-14 ta' Frar 1883, li l-knisja kellha tinbena mill-ġdid mill-pedamenti, imma "fl-istess post tal-knisja l-antika b'tali mod li l-ispazju tal-knisja l-antika jidħol fl-ispazju tal-knisja l-ġdida, li wieħed jifhem li sejra tkun ikbar".

Wara tletin sena ta' stennija mimlija tensjoni il-fatt issa kien li l-patrijiet kellhom jikkuntentaw ruħhom b'din il-konċessjoni fl-aspett fundamentali tagħha, u biex ma jikkompromettux kollox, kien meħtieġ li jagħlqu ħalqhom u jaċċettaw din il-kundizzjoni iebsa. Almenu kellhom il-permess li jibnu; u dan kien fatt importanti.

Fil-25 ta' Frar 1883 wasal minn Istanbul il-Firman tas-Sultan, bl-interessament tal-Ambaxxatur Franċiż quddiem is-Sublime Porta. Għalkemm id-dokument kien jiggarantixxi li kollox kellu jsir mingħajr intoppi, minkejja dan l-Ambaxxatur Franċiż ħassu fl-obbligu li javża lill-Kustodju: "... ħaffu kemm tifilħu biex tlestu l-Knisja ta' San Salvatur, għaliex il-ħafna għedewwa tal-Knisja mhumiex se jibqgħu reqdin".

Mhux il-każ hawnhekk li noqogħdu nirrakkontaw bl-għeruq u x-xniexel il-fażijiet singoli tax-xogħol pjuttost ikkumplikat, u wkoll id-diversi żviluppi ta' karattru diplomatiku.

Bħala l-ewwel punt kien meħtieġ li titwaqqa' parti sewwa mill-Kunvent, u dan sal-pjanterren, b'tali mod li setgħet tingħata struttura ġdida lill-ambjenti ġodda, biex għall-bidu dawn iservu bħala knisja proviżorja, u mbagħad – skont il-pjanijiet

diġà maħsubin – iservu ta' Sagristija u Bibljoteka. Fl-isess ħin kien meħtieġ li wieħed jaħseb biex jinbnew kmamar ġodda għall-patrijiet, flok dawk li ġew imwaqqgħin.

Kif naraw, dan ix-xogħol ma kienx la faċli u lanqas komdu, minħabba in-nuqqas tal-ispazju disponibbli għax-xogħol. Mingħajr dik il-kundizzjoni li kienet tillimita b'mod hekk strett kull moviment, il-proġett kollu seta' jkun ridimensjonat aħjar, u hekk il-patrijiet kieku setgħu jibnu knisja li tkun inqas sagrifikata rigward il-post li fih inbniet.

Irridu ngħidu li l-povru arkitett, quddiem tant restrizzjonijiet u ostakli li sab quddiemu minn kull naħa, irnexxielu joħroġ b'disinn u proġett mill-aħjar, u nistgħu ngħidu li rnexxielu jsolvi b'mod intelliġenti l-ħafna problemi li biċċa binja bħal dik kienet tippreżenta. Naslu biex nimmaġinaw li quddiemna għandna figura ta' xi arkitett ta' isem affermat, li kien ta provi li kien jaf jissupera d-diffikultajiet partikulari tekniċi u loġistiċi.

Imma nistagħġbu meta nintebħu li quddiemna għandna patri bħala arkitett: P. Raffaele Cingolani da Montecassiano (1830-1908), reliġjuż mill-Marche li ġie l-Art Imqaddsa fl-1862.

Il-*curriculum vitae* tiegħu ma jidhirx li hu rikk b'xi elementi li jagħmlu aħbar. Jitfakkar bħala persuna li kellha kwalitajiet tajbin ta' intelliġenza u ta' qalb. Meta kien għadu l-Italja, fl-1857, irċieva l-ħatra ta' "Lettur tal-Matematika". Din kienet kwalifika li tajjeb inżommuha f'moħħna. Fil-Kustodja tal-Art Imqaddsa ngħata diversi uffiċċji impenjattivi: kien, fil-fatt, Mastru tal-Kjeriċi f'Ħarissa fil-Libanu, Gwardjan tal-Kunvent ta' Santa Maria delle Grazie f'Larnaca, Ċipru, Superjur fil-Qabar ta' Kristu u f'Tiberija, u Vigarju tal-Kunvent ta' Betleħem.

Kien jinsab f'Betleħem, meta fl-1880, fil-bidu tal-ħidma tal-bini tal-Knisja l-ġdida ta' Santa Katerina, ġie maħtur mis-Superjuri tal-Kustodja direttur immedjat biex jissorvelja din il-binja; u fl-istess ħin amministratur tal-finanzi ta' dan il-proġett.

Proprju f'relazzjoni tal-bini tal-Knisja u l-Kunvent ta' Betleħem, fadal tifkira tal-ġudizzju kuntrarju tiegħu għas-soluzzjoni tal-problema arkitettornika kif kien ġie ipproġettat mill-perit li ħażżeż il-pjanta tal-Knisja ta' Santa Katerina, l-arkitett Franċiż Guillemot. Fit-18 ta' Awwissu 1882 il-Knisja ta' Santa Katerina *ad Nativitatem* f'Betleħem ġiet inawgurata.

Diġà fit-8 ta' Novembru 1880 is-Superjuri tal-Kustodja kienu approvaw pjan jew proġett għall-Knisja l-ġdida ta' San Salvatur. Sfortunatament ma nafu xejn min kien l-awtur ta' dan il-proġett. Fl-20 ta' Frar 1882, il-Patri Kustodju innota fid-Djarju tiegħu li "probabbilment se jintagħżel il-proġett ta' Patri Raffaele da Montecassiano". Dejjem fl-istess data "d-Diskretorju jiddeċiedi li wara l-Għid jibda x-xogħol ta' tħejjija għall-bini tal-Knisja ġdida ta' San Salvatur".

Fil-jiem 22-26 ta' Settembru 1882, f'seduta tad-Diskretorju tal-Art Imqaddsa, saret diskussjoni mill-ġdid dwar il-proġett. Il-minuti jirriferixxu li "l-Patri Kustodju wera l-pjanta tal-Knisja l-ġdida ta' San Salvatur li kien ħażżeż Patri Raffaele da Montecassiano, u li ipproponieha bħala s-soluzzjoni ekonomika l-aktar faċli. L-ebda wieħed mir-Reverendi Patrijiet Diskrieti ma għamel l-inqas oġġezzjoni".

Xahar wara, fit-23 ta' Ottubru 1882, ġie deċiż li jissejjaħ lejn San Salvatur l-imsemmi Patri Raffaele, u li jingħata bidu biex jinħadem il-ġebel li kellu jservi għall-bini tal-Knisja l-ġdida. Ġie wkoll deċiż li kellu jingħata bidu għax-xogħlijiet fiż-żona fejn fil-ġejjieni kellu jkun il-kor, jiġifieri mix-xaqliba tal-lvant u tat-tramuntana.

L-arkitett Guillemot mhux biss ma uriex ruħu għajjur għal dak li f'Betleħem kien l-eżekutur tal-proġett tiegħu, imma talli f'Ottubru 1883 faħħar ix-xogħol tal-Knisja

ta' San Salvatur, li diġà kienu waslu f'punt tajjeb ta' progress.

Kollox kien jidher li miexi sewwa f'din il-ħidma, sakemm f'daqqa waħda seħħet disgrazzja li setgħet tikkomprometti r-ritmu tax-xogħol.

Fit-12 ta' Mejju 1884, ċertu Fra Luigi da Rapagnano, waqt li kien jinsab ma' Reliġjużi oħrajn fil-knisja provviżorja biex jassisti għall-Quddiesa, intlaqat minn puplesija u miet ħabta u sabta, kif insibu miktub fin-Nekroloġju (ktieb tal-mejtin) tal-Kunvent. Fost ir-Reliġjużi preżenti għal din it-traġedja kien hemm ukoll Patri Raffaele. Dan kien diġà jbati min-nuqqas ta' smigħ għal xi snin, u issa jidher li ma felaħx jirreżisti għall-qatgħa li ħa. Ta' min jiftakar li dan fra Luigi kien jappartjeni lill-istess Provinċja Reliġjuża tal-Marche, li minnha kien ġej Patri Raffaele. Il-fatt hu li, minn dak l-istess waqt, Patri Raffaele beda jagħti sinjali ta' nuqqas ta' ekwilibriju mentali, hekk li fil-15 ta' Mejju kellhom jibagħtuh l-Italja bit-tama li forsi seta' jerġa' jikseb saħħtu jekk jibdel l-arja: imma fil-fatt minn dan kollu ma ġara xejn.

Minkejja din id-disgrazzja bil-konsegwenzi tagħha, ħadd ma ġieh f'moħħu la li jwaqqaf il-proġett tal-Knisja, li issa kien f'fażi avvanzata ta' twettiq, u lanqas li jbiddlu bl-ebda mod. Din kienet forma indiretta, imma konkreta, ta' rikonoxximent sħiħ tal-valur pożittiv ta' din l-opra li ġiet ipproġettata u attwata b'tant imħabba, jekk mhux ukoll b'tant passjoni, minn Reliġjuż li tiegħu ma fadlilniex l-ebda tifkira ħlief xi noti żgħar li ġew ikkonservati fir-reġistrazzjoni tal-uffiċċji tiegħu.

Fl-istat attwali tal-konoxxenzi tal-affarijiet ma nistgħu nżidu xejn aktar li hu dokumentat dwar P. Raffaele Cingolani da Montecassiano



bħala arkitett. Nistgħu għalhekk inkomplu d-diskors dwar il-bini tal-Knisja ta' San Salvatur mingħajr ma nieqfu fuq diversi dettalji, anke jekk huma interessanti minħabba l-kuntest tagħhom.

Ta' min iżid iżda (u din hi nota ta' min qed jittraduċi dan l-artiklu), li l-istudjuż P. Metodio Brlek ma jsemmix (forsi ma kienx f'konoxxenza) Patri Franġiskan Malti li milli jidher ta sehem ewlieni fil-bini tal-Knisja ta' San Salvatur, ukoll jekk għex lejn nofs is-seklu 19, qabel ma ngħata bidu proprju għall-bini tal-knisja l-ġdida ta' San Salvatur. Patri Ġorġ Aquilina, fin-Nekroloġju tal-Provinċja Franġiskana Maltija, jagħtina informazzjoni dwar Fra Nikola Borg, mis-Siġġiewi, li jistħoqqlu jissemma bħala benemeritu fil-bini tal-Knisja ta' San Salvatur.

Fra Nikola Borg twieled is-Siġġiewi fl-1819. Fl-1846 daħal Franġiskan fil-Provinċja ta' Ruma. Wara l-inċident gravi li seħħ waqt il-bini tal-Knisja ta' San Salvatur f'Ġerusalemm, il-Ministru Ġeneral P. Bernardino Trionfetti, bagħtu jkompli l-bini bħala bennej u perit. Interessanti li qabel ma telaq lejn l-Art Imqaddsa fl-1850 waqaf Malta u xtara b'kemm jiswew 211-il skud għodda mingħand il-ħaddied Michele Bonnici. Wasal Ġerusalemm f'Novembru 1850. Sa tmiem ħajtu baqa' fil-Missjoni tal-Art Imqaddsa jwettaq il-ħidma ta' bennej u hekk kien uffiċjalment magħruf fl-Art Imqaddsa bħala *structor murarius*. Fost l-oħrajn bena l-Knisja tal-Assunta (Muski) fil-Kajr (1851-1854), il-Knisja tal-Karmnu f'Bulacc (Eġittu), il-Knisja ta' San Franġisk u l-kunvent anness fi Tripli (Libanu) (1855-1858). Miet f'Ġerusalemm fit-3 ta' Frar 1874 f'qasir il-għomor, meta kellu biss 55 sena.

Inkomplu bir-rakkont ta' Patri Brlek. Fid-29 ta' Novembru 1882, festa tal-Qaddisin Franġiskani, Patri Guido da Cortona, Kustodju tal-Art Imqaddsa, bierek u poġġa l-ewwel ġebla tal-knisja. Il-ġebla kienet ta' forma kwadrata, u kienet ittieħdet mis-"swar tal-belt il-qadima" ta' Ġerusalemm. Dan kien simbolu suġġestiv li juri r-rabta li din il-knisja kellu jkollha mal-belt il-qaddisa, u speċjalment ir-rabta tal-Franġiskani ma' Ġerusalemm bil-preżenza plurisekolari tagħhom fil-belt, u l-aktar f'San Salvatur, hekk li dan il-kunvent ipprovda kenn lil bosta persuni waqt mumenti ta' gwerra u vjolenza.

Biex il-patrijiet jevitaw nuqqas ta' qbil u kumplikazzjonijiet diplomatiċi, iddeċidew li ma joħorġux inviti uffiċjali. L-Ambaxxatur ta' Franza, meta bagħat l-awtorizzazzjoni miktuba tas-Sultan, kien ta parir lill-Patri Kustodju biex iħaffef fl-eżekuzzjoni tal-bini. Il-Kustodju obdieh mill-ewwel. Il-flus biex jiġi ffinanzjat proġett hekk kbir, kif rajna, kienu ngħataw mill-Imperatur tal-Awstrija, Franz Josef. L-arkitett, billi kien patri li jgħix fil-komunità ta' San Salvatur, kien dejjem fuq il-post tax-xogħol biex iħares u jidderieġi personalment il-binja, hekk li kien irnexxielu jwassalha

kważi sat-tmiem bħala struttura.

Infatti, fis-27 ta' Mejju 1884, wara biss ħmistax-il ġurnata mid-disgrazzja li laqtet lill-arkitett, tlestiet u ġiet magħluqa l-aħħar volta tas-saqaf tal-knisja. Il-Patri Kustodju jinnota fid-Djarju tiegħu li l-ħaddiema għamlu storbju sħiħ biex jiċċelebraw, u l-patrijiet ukoll ħasbu biex lill-ħaddiema joffrulhom ross, laħam u arak (anizett Tork) flimkien ma' vaganza qasira.

Fl-24 ta' Lulju 1884 tlesta l-kampnar (li dak iż-żmien ma kellux is-sular ta' fuq fejn illum hemm il-qniepen, imma kien aktar tozz mill-kampnar għoli u sabiħ li naraw illum). Fl-10 ta' Ottubru tal-istess sena 1884 tqiegħdet "l-aħħar ġebla tal-Knisja ġdida ta' San Salvatur, u preċiżament fuq il-kornIċun estern tal-faċċata".



*Il-Kampnar ta' S. Salvatur, l-ogħla punt fil-Belt il-Qadima*

Fl-1 ta' Diċembru 1884 tqiegħed salib tal-metall fuq il-kampnar, u fis-6 ta' Diċembru ttellgħu f'posthom il-5 qniepen ġodda, li kienu ġew ikkonsagrati mill-Beatitudni Tiegħu Mons. Vicenzo Bracco, Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm fid-29 ta' Novembru 1884. Malli l-qniepen tqiegħdu f'posthom, "fil-11 ta' filgħodu l-qniepen kollha bdew idoqqu għal kważi kwarta: in-nies kollha telgħu jiġru fuq il-bjut bil-kurżità", iżid jikteb fid-Djarju l-Patri Kustodju. Wara din l-ewwel splużjoni ta' daqq ta' ferħ, il-qniepen bdew idoqqu regolarment mill-Primi Vespri tal-festa tal-Immakulata bħala sinjal taċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi pubbliċi. Matul l-1884 tpoġġew fil-knisja tmien altari sekondarji, kollha tar-rħam ta' diversi tipi u kuluri. Ħlief altar minnhom, li hu barokk, l-altari l-oħrajn kollha jipproponu l-istess linja sempliċi u klassika ta' dinjità kbira.

F'dan ir-rakkont ta' x'ġara ħaġa wara l-oħra ma nistgħux ninsew infakkru li fit-28 ta' Ottubru 1885 tqiegħed f'postu l-Battisterju ġdid, f'forma eleganti ta' stil rinaxximentali Toskan, filwaqt li fil-31 ta' Ottubru l-Altar Maġġur kien jinsab f'postu.

Hekk naslu għad-29 ta' Novembru 1885, il-jum tal-konsagrazzjoni tal-Knisja. Din kienet konsagrazzjoni solenni li rat jitwassal fit-tmiem dak li għal tletin sena kien donnu biss ħolma li ma tistax titwettaq. Naturalment mhux kollox kien tlesta, u bosta affarijiet kienu għadhom jistennew li jintemmu. Il-ventartal, per eżempju, wasal biss fl-1887. Imma l-Knisja kienet issa meqjusa li tlestiet u li kienet lesta biex twettaq il-funzjoni u l-missjoni tagħha.

Matul is-snin sar xi tibdil fil-Knisja ta' San Salvatur biex din tkun aktar akkoljenti, għalkemm ta' min jgħid li mhux dejjem is-soluzzjonijiet adottati kienu feliċi mil-lat estetiku. Ma naqsux fil-knisja xi tibdiliet pjuttost radikali. L-aktar tibdil radikali sar fix-xitwa tal-1967-1968. F'dawk ix-xhur, biex il-knisja tiġi adegwata għall-ispirtu liturġiku tal-Konċilju Vatikan II, tneħħa l-pulptu u bil-materjal tiegħu nħadmu ż-żewġ amboni fuq iż-żewġ naħat tal-presbiterju. Flok il-balavostri l-antiki tqiegħdu oħrajn bla ebda gost. Imma dak li l-aktar jolqot il-għajn hu li tneħħa l-kumpless tal-Altar Maġġur l-antik, biex inbena l-Altar li hemm illum, li jutilizza l-istess materjal tal-Altar ta' qabel. L-Altar Maġġur ġdid ġie kkonsagrat fis-17 ta' Frar 1968 minn Mons. Giacomo Beltritti, Isqof Koadjutur tal-Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm (li mbagħad sar hu Patrijarka Latin).

Fuq in-naħa ta' barra l-Knisja ta' San Salvatur ukoll sarulha xogħlijiet kbar. Fl-1900 in-navata ċentrali tal-Knisja tgħattiet b'saqaf ta' "tegole" ħamranin, filwaqt li qabel is-saqaf kien miksi biċ-ċomb.

Imma l-aktar tibdil li jidher, u li llum jagħmel parti mill-panorama tal-belt il-qadima ta' Ġerusalemm, hekk li hu "landmark" inkonfondibbli, kien dak li sar fil-kampnar, li fl-1931-1932 ġie mgħolli 8 metri oħrajn, fl-okkażjoni tas-7 ċentinarju mill-mewt ta' Sant'Antnin ta' Padova, Patrun tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Biżżejjed li wieħed josserva ritratti tal-kampnar kif kien qabel, biex jintebaħ kemm il-forma attwali, aktar snella, tagħti impressjoni ta' eleganza, l-aktar bil-kuruna tal-"cuspide" tawwalija li togħla lejn is-sema u timmarka l-panorama ta' Ġerusalemm il-qadima minn distanzi twal.

Fil-ħarġa li jmiss nagħtu ħarsa lejn id-dekorazzjoni tal-Knisja ta' San Salvatur, li tibqa' sal-lum l-akbar knisja u l-aktar waħda funzjonali f'Ġerusalemm għall-komunità Kattolika Latina.



*Il-Kampnar ta' S. Salvatur mixgħul*

# MESSAĠĠIERA TA' ALLA



*P Twanny Chircop ofm*

## ADAM

Adam u Eva, għalkemm huma meqjusa bħala l-ewwel raġel u mara maħluqa li minnhom il-bnedmin kollha huma imnissla, fil-verità jirrappreżentaw lil kull raġel u mara. L-istorja tagħhom hija kemm individwali kif ukoll universali. Hija marbuta ma art 'il hemm minn din id-dinja u fi żmien barra l-istorja. Hija l-istorja ta' tlugħ ix-xemx tal-ħajja li magħha tiġi l-mewt, li lejha miġbudin u aljenati, ħajja innoċenti u ta' dnub. Tħares minn fejn

tħares, l-isem Adam, għandu rabta kbira mar-rivelazzjoni biblika tas-salvazzjoni. Adam hu l-ewwel protagonista tad-dramm tas-salvazzjoni. L-istorja tiegħu ssib il-milja tagħha fl-opra ta' salvazzjoni ta' Ġesú Kristu. L-istorja tal-bidu, tal-ħolqien tal-bniedem, kienet tradizzjonalment użata biex tispjega ċerti mistoqsijiet fundamentali fuq l-eżistenza umana.

## Antik Testment

Il-kelma Lhudija ádám (tfisser aħmar jew bniedem) tista' tintuża bħala nom kollettiv (il-bnedmin, Ġen 1:26), jew bħala referenza individwali għal raġel (il-bniedem, Ġen 2:8) u bħala isem proprju (Adam, Ġen 5:1). F'ħafna mill-bibbji llum, dak li kien jidher bħala isem proprju 'Adam' huwa ġeneralment tradott b'mod ġenerali 'il-bniedem'. Din id-differenza tat lok għal ħafna interpretazzjonijiet.

Il-kelma *adam* tista' tiġi mqabbla mal-kelma Lhudija *adamah* – ħamrija jew ħamranija. Probabbli l-awtur sejjaħlu Adam għax hu meħud 'mit-trab tal-art'.

Adam kien ukoll isem ta' belt fuq in-naħa tal-Lvant tax-xmara Ġordan fejn l-ilma kien jitbaxxa, u hemm Ġożwè flimkien mal-poplu seta' jaqsam biex jidħlu fl-art imwiegħda.

Minn Ġen 4,25 'il quddiem Adam jissemma' bħala isem proprju ta' persuna (ara wkoll Ġen 5,1.3.4.5.; 1 Kron 1,1; Hos 6,7. Dan jiġri wkoll ħafna drabi fil-TĠ (Lq 3,38; Rum 5,14; 1 Kor 15,22.45; Ġuda 14). L-awturi sagri tkellmu hekk għax kienu jifhmu li Adam kien tassew persuna li eżista fl-istorja u mhux biss simbolu tal-umanità kollha. San Pawl bena l-argumenti tiegħu fuq il-fatt li Adam eżista tassew. Li kien mod ieħor, kien jaqa' t-tagħlim ta' Ġesú fuq l-istabilitá taż-żwieġ (Mk 10,6-9).

Adam jirrappreżenta l-bnedmin kollha bħala l-ewwel bniedem u missier tagħhom ilkoll. L-iskrittura turih b'dan il-mod. Huwa l-bniedem wieħed li fih jiġbor 'il-uliedu, il-bnedmin kollha ta' kull żmien. (ara Ġen 17,1-8; 20,1-6; Ġoż 7,19-24; 1 Kron 21,1-14; Mik 3,11-12; eċċ).

Hekk ħarsu lejn Adam missirijiet il-Knisja. It-testi bibliċi ma jitkellmux hekk ċar fuq dan l-aspett, imma indirettament juruna li din kienet l-impressjoni tal-awturi sagri. Hu skont dan il-prinċipju li aħna nifhmu l-kliem misterjuż ta' San Pawl: "… kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-dnub, u permezz tad-dnub il-mewt, u hekk ukoll il-mewt laħqet il-bnedmin kollha, għax kollha dinbu" (Rum 5,12).

Għandna żewġ rakkonti tal-ħolqien tal-bniedem: Ġen 1,26-37 u Ġen 2,2-25, li jikkumplementaw lil xulxin b'aspetti u messaġġi differenti.

L-ewwel rakkont juri l-bniedem, raġel u mara, fir-relazzjonijiet ma' Alla, il-Ħallieq, u mal-ħlejjaq l-oħra. Il-bniedem huwa ħlejqa ta' Alla bħall-oħrajn, imma hu biss huwa maħluq xbieha ta' Alla. Dan juri

d-dinjità akbar tal-bniedem, flimkien mas-setgħa li Alla tah li jaħkem fuq il-ħlejjaq l-oħra.

Fit-tieni rakkont id-dinjitá tal-bniedem maħluq b'azzjoni speċjali ta' Alla jidher b'qawwa akbar; magħmul mit-trab ta' l-art, iżda għandu fih in-nifs tal-ħajja ta' Alla. Il-Bniedem huwa ħabib ta' Alla, imqiegħed fl-Għeden, fejn isib kull ġid u hena. Alla jagħtih ukoll sieħba tixbah lilu, mara, "għadma minn għadmu u laħam minn laħmu", tal-istess dinjità.

## Id-dnub u l-kastig (Ġen 3,1-24)

Fit-tielet kapitolu tal-Ġenesi għandna l-istorja tal-waqgħa tal-bniedem fid-dnub u l-konsegwenzi tagħha. Rakkont popolari fejn l-awtur juri kif daħal id-dnub fid-dinja sabiħa maħluqa minn Alla u għaliex il-bniedem, maħluq għall-ħajja irid jgħaddi mill-mewt. Hawn tibda l-istorja tas-salvazzjoni, li ssib il-milja tagħha fir-rebħa ta' Ġesú Kristu, "nisel il-mara", li jisħaq ras is-serp, li hu x-xitan (Ġen 3,15).

Ir-rakkont tal-ħolqien jagħlaq billi jsemmi li l-koppja hi għarwiena u ma hemmx mistħija. "Il-mara" (Ġen 2,24f.) tħajjar intimità sesswali. Il-mistħija tidħol biss wara li dinbu (v. 10). Ħlief għal ftit eċċezzjonijiet, li persuna tkun għarwiena huwa sinjal ta' umiljazzjoni, ċaħda, u nuqqas ta' saħħa (ara Is 20,2; Os 2,5; Ġob 22,6). Din mhux sempliċi mistħija imma sitwazzjoni ta' mistħija. Fin-narrattivia altru l-għera bħala parti mill-intimità sesswali u altru l-għera relatata mad-dnub.

Wara li kielu mis-siġra għajnejhom infetħulhom u bdew jagħrfu t-tajjeb mill-ħażin. Ħafna konsegwenzi ħarġu mill-azzjoni tagħhom, l-għera tagħhom issa kienet tfisser sitwazzjoni ta' mistħija (vv.7,10) għarfu l-aljenazzjoni tagħhom minn Alla (v. 8) u minn xulxin (v. 18); u kienu miċħuda mis-siġra tal-ħajja u l-wegħdiet li din kienet iġġib magħha (v. 22).

Issa l-ħajja mtliet bit-tbatija kemm għar-raġel kif ukoll għall-mara, din it-tbatija messithom fil-qalb tagħhom. Il-kastig imiss il-kundizzjoni tal-ħajja u mhux il-mewt. Il-mewt hija t-tmiem tat-tbatija, li ser iddum sa kemm imorru lura lejn l-art minfejn kienu meħuda (ara v.19;



2,17). L-awtorità tar-raġel fuq il-mara ġejja mill-qawwa li huwa semmiha Eva (v. 20).

## Adam bħala Proto tip ta' Kristu

Fil-Ġdid Testment Adam huwa mogħti importanza iżjed minn Eva; u l-iktar silta important li titkellem fuq Adam insibuha fl-ittra lir-Rumani kapitlu ħamsa. Pawlu wara li jiddiskuti r-realtà tal-ġustifikazzjoni issa hu ppreparat biex jikkonsidra l-frott speċjali tal-ħniena ta' Alla, li hija t-tama. Dak li jiddomina hija t-tama u mhux ir-rebħa; għaliex għalkemm Ġesù issa qiegħed fil-glorja, dak li jemmen irid jissielet u jżomm sħiħ sal-aħħar.

In-nisrani irid jissielet bil-kunfidenza u l-ferħ għax il-qawwa mogħtija minn Kristu hija iżjed minn biżżejjed biex tirbaħ il-wirt antik tal-mewt u tagħti ħelsien tal-għażla għall-ġustizzja u l-ħajja. Fi Kristu dak li jemmen ibiddel in-nuqqas ta' ħila f'qawwa kunfidenti.

San Pawl juri dan billi jpoġġi xebh u kuntrast bejn Adam u Kristu. Adam u Kristu huma l-istess għax qegħdin fil-bidu ta' razza ġdida. Għalhekk Adam huwa ikkonsidrat bħala "t-tip ta' dak li jrid jiġi" (Rum 5,15). Imma f'aspetti l-oħra huma għal kollox differenti. Għax permezz ta' Adam daħal id-dnub fid-dinja li ġab il-mewt, waqt li ma Ġesú Kristu ġiet il-maħfra u l-ħajja.

Pawlu ma jidħolx fil-fond dwar ir-rabta bejn id-dnub u l-mewt imma dwar l-effett tagħhom li kienet kundizzjoni ġenerali umana ta' skjavitù u nuqqas ta' ħila. F'dan is-sens Pawlu jipprovdi l-bażi, għad-dutrina tradizzjonali tad-dnub oriġinali permess tal-frażi "kollha dinbu f'Adam" (Rum 5,7). Hawn Pawlu jafferma l-għaqda vera imma misterjuża bejn id-dnub ta' Adam u l-ġenerazzjoni umana midinba qabel ir-rebħa ta' Ġesù Kristu.

Ġesù jisfida s-saltna universali tad-dnub u l-mewt meta jirbaħ ir-rebħa li timmarka era ġdida fejn l-imħabba ta' Alla, mogħtija b'xejn, tissupera id-dnub u l-mewt: "Għax jekk permezz ta' ħtija waħda mietet il-kotra, aktar u aktar issa l-grazzja ta' Alla don mogħti bil-grazzja ta' bniedem wieħed li hu Ġesù Kristu, xterdu bil-bosta fuq il-kotra" (Rum 5,15). Ir-rebħa ta' Kristu allura tgħatti għal kollox id-dominazzjoni ta' qabel tad-dnub u l-mewt.

Pawlu jkompli l-kuntrast bejn Adam u Kristu fuq il-bażi tad-diżubbidjenza u ubbidjenza: "Għax kif bid-diżubbidjenza ta' bniedem wieħed il-ħafna saru midinbin, hekk wkoll bl-ubbidjenza ta' wieħed il-ħafna jsiru ġusti" (Rum 5,19). Din turi li l-għażla tad-dnub ta' Adam, li tibqa' l-għażla ta' kull maħluq, tiġi minn għażla belħa li tinqata' minn Alla. Għażla falluta sa mill-bidu tagħha. Kuntrast ma' dan, hija l-ubbidjenza ta' Ġesù għar-rieda ta' Alla u li tibdel kemm il-ħajja umana kif ukoll il-mewt f'opportunità ta' ħelsien awtentiku u glorja. Is-saltna tad-dnub u l-mewt tiġi mibdula fis-saltna tal-imħabba ta' Alla mogħtija bi Kristu nnifsu.



# NGĦIXU FL-IMĦABBA L-QAWMIEN TA' KRISTU

*Fr. Charles Buttigieg*

## Ħarsa lejn it-Tagħlim fiż-Żewġ Ittri ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin

*"L-Imħabba ta' Kristu ġġegħelna naħsbu dan: li wieħed miet għal kulħadd, mela kulħadd miet. U miet għal kulħadd biex dawk li jgħixu, ma jgħixux għalihom infushom, imma għal dak li miet u rxoxta għalihom." (2 Korintin 5:14-15)*

## Il-Belt ta' Korintu

Il-Belt ta' Korintu kienet il-kapitali tal-Provinċja tal-Akaja, fil-Greċja tal-lum; kienet belt ta' kummerċ kbir bejn l-Italja u l-Asja Minuri, bi tliet portijiet u għalhekk b'kontroll assolut tal-ibħra kemm tal-lvant kif ukoll tal-punent. Il-belt kienet magħrufa ukoll għall-ħajja laxka tagħha. Infatti l-kelma griega *korinthiazein* kienet tfisser 'persuna li tgħix l-ħajja ta' Korintu', ħajja mingħajr regoli u dixxiplina, ħajja baxxa u immorali. Il-belt kienet magħrufa ukoll għal-logħob u l-kompetizzjonijiet sportivi Istmiċi li kienu jsiru kull sentejn.

San Pawl innifsu waqqaf il-knisja f'din il-belt madwar is-sena 51 W.K. wara li qabel kien ippriedka ġewwa Ateni, kif insibu fl-Atti 18:1-18 matul it-tieni vjaġġ missjunarju. F'dan iż-żmien kien hemm il-Prokonslu Gallju f'Korintu (ara Atti 18:12). Huwa dam fil-belt għal 18-il xahar jgħallem fost il-Korintin il-Kelma ta' Alla minkejja li huwa sab oppożizzjoni kbira. F'Korintu niltaqgħu mal-koppja ħabrieka għall-Evanġelju Akwila minn Pontu u martu Priska (Prixilla) u li kienu għenu ħafna lil San Pawl u li magħhom kien jaħdem it-tined (bil-grieg: *skenopoioi*) u li kienu marru miegħu meta telaq lejn Efesu (ara 1 Kor 16:19). Huwa żar ukoll din il-belt fit-tielet vjaġġ missjunarju fiż-żmien li fih kiteb l-ittra lir-Rumani bejn is-snin 57 u 58 W.K.

## L-Ewwel u t-Tieni Ittra lill-Korintin

Dawn iż-żewġ ittri, flimkien mal-Ittra lill-Galatin u lir-Rumani jiffurmaw l-erba' 'ittri l-kbar' ta' San Pawl u dan minħabba, kif semmejna fil-ħarġiet ta' qabel, l-importanza teoloġika kbira tagħhom. L-Ewwel Ittra lill-Korintin inkitbet madwar is-snin 54 u 57 W.K. minn Efesu waqt it-tielet vjaġġ missjunarju. Huwa kiteb din l-ittra wara li rċieva mid-dar ta' Kloje aħbarijiet dwar diffikultajiet li kienu qegħdin iħabbtu wiċċhom l-insara ta' Korintu u xi sitwazzjonijiet immorali: "Kulħadd sema' li hemm iż-żina fostkom, u żina li lanqas issibha fost il-pagani…" (1 Kor 5:1). Hu wieġeb billi ta soluzzjonjiet dwar dawn il-problemi,

*Tempju ta' Apollo, Korintu*



iwiddibhom u jisħaq fuq il-qawmien mill-imwiet u għalhekk għandna tagħlim dwar il-Knisja b'rabta ma' Kristu u l-Qawmien tal-Gisem għall-ħajja ta' dejjem.

It-tieni Ittra lill-Korintin inkitbet mill-Maċedonja lejn it-tmiem tas-sena 57 W.K., fejn San Pawl jurihom is-sodisfazzjon tiegħu talli laqgħu t-twiddib tiegħu u jerġa' iwissihom ħalli jibqgħu fit-triq it-tajba. Hawnhekk tidher fuq kollox l-imħabba ta' San Pawl għall-insara u li kien iħoss meta il-predikazzjoni tiegħu kienet issib it-tfixkil. Huwa jesponi fuq kollox l-awtorita` appostolika tiegħu fid-dawl tat-tbatija u l-glorja tiegħu għal Kristu.

## Id-Doni Spiritwali

San Pawl fl-ittri tiegħu jħobb jitkellem mill-frott u mid-doni (kariżmi) tal-Ispirtu ta' Alla u dan jidher ċar fl-Ewwel Ittra lill-Korintin: "Hemm imbagħad diversi doni, imma wieħed hu l-Ispirtu; hemm diversi ministeri, imma l-istess wieħed hu l-Mulej; hemm diversi ħidmiet, imma l-istess Alla, li jaħdem kollox f'kulħadd. Lil wieħed tingħata r-rivelazzjoni ta' l-Ispirtu għall-ġid ta' kulħadd; lill-ieħor kliem il-għerf mill-istess Spirtu; lill-ieħor il-kelma tas-sapjenza mill-istess Spirtu; lill-ieħor il-fidi mill-istess Spirtu; lill-ieħor id-don tal-fejqan mill-istess Spirtu; lill-ieħor is-setgħa tal-mirakli, lill-ieħor id-don tal-profezija; lill-ieħor id-don ta' l-għażla ta' l-ispirti; lill-ieħor diversi ilsna; lill-ieħor it-tifsir tal-ilsna. Dan kollu jaħdmu l-istess Spirtu wieħed, li jqassam lil kull wieħed kif jogħġbu" (1 Kor 12:4-11; ara ukoll 1 Kor 12:29-30). Huma dawn il-kariżmi differenti u magħqudin ma' xulxin li huma importanti għall-binja tal-Knisja ħalli tidher iktar il-qawwa tal-Aħbar it-Tajba tal-Evanġelju.

## Il-Qawmien ta' Kristu mill-Imwiet

Din hija l-Aħbar it-Tajba li jrid ixerred San Pawl, il-proklamazzjoni (bil-grieg: *kerygma*): "li Kristu miet għal dnubietna, skont il-Kitba, u kien midfun u qam fit-tielet jum skond il-Kitba, u deher lil Kefa, u mbagħad lit-Tnax. Imbagħad deher lil aktar minn ħames mitt aħwa f'daqqa. Ħafna minnhom għadhom ħajjin sal-lum, oħrajn mietu. Imbagħad deher lil Ġakbu u lill-appostli kollha. Fl-aħħarnett deher lili, bħala rimi." (1 Kor 15:3-7). Dan it-test huwa l-eqdem tagħlim dwar l-ikbar verita` tal-kristjaneżmu, miktub qabel ukoll l-erba` evanġelji.

Infatti dan il-messaġġ tal-qawmien mill-mewt tal-ġisem, jinsab jidwi sewwa f'dawn iż-żewġ ittri. Kienu bosta dawk f'Korintu li kienu qed isibuha diffiċli sabiex jaċċettaw il-qawmien tal-ġisem u dan għaliex il-Griegi nfluwenzati mill-Palatoniżmu kienu jemmnu fl-immoralità tar-ruħ biss u mhux fil-qawmien tal-ġisem wara l-mewt. Dan nistgħu narawh fid-diskors ta' San Pawl fl-Areopagu ta' Ateni fejn kien jiltaqa' l-Kunsill tal-belt kif naraw f'Atti 17:16-34. Pawlu jsemmi l-verità tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet. Il-qawmien ta' Kristu huwa r-rebħa suprema tiegħu fuq il-mewt darba għal dejjem, huwa garanzija għall-qawmien tal-ġisem tagħna għall-ħajja ta' dejjem fl-aħħar jum.

## L-Imħabba ta' Kristu ssuqna

San Pawl jeżalta l-imħabba nisranija fil-kapitlu 13 fl-Ewwel Ittra lill-Korintin: «L-imħabba taf tistabar; l-imħabba hi twajba, ma tgħirx, l-imħabba ma tiftaħarx, ma titkabbarx; ma tagħmilx dak li ma jixraqx, ma tfittixx dak li jaqblilha, ma teħux għaliha, ma żżommx f'qalbha għad-deni, ma tifraħx bid-dnewwa, imma tifraħ bis-sewwa. Kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti » (1 Kor 13:4-7). Hawnhekk għandna l-innu tal-imħabba vera, il-karità; waħda mill-isbaħ paġni tal-Ġdid Testment. L-imħabba terġa' tissemma fil-kapitlu 5 tat-Tieni Ittra lill-Korintin: "Aħna mela ambaxxaturi ta' Kristu; qisu Alla qiegħed iwissi

permezz tagħna. Nitolbukom f'ġieħ Kristu: tħabbu ma' Alla" (2 Kor 5:20). Hija din l-imħabba ta' Kristu li ssuq lil Pawlu biex iħobb l-Evanġelju akkost ta' kollox: "Iva nitgħaxxaq bid-dgħufijiet tiegħi, bit-tgħajjir, bil-għaks, bil-persekuzzjonijiet, bid-dwejjaq għal Kristu, għax meta jien dgħajjef, jien inkun qawwi" (2 Kor 12:10). Uħud isostnu hawnhekk li l-kapitli 10 sat-13 tat-Tieni Ittra lill-Korintin bħala parti 'mill-ittra tad-dmugħ' ta' San Pawl fejn qiegħed jesprimi t-tbatija tiegħu għall-glorja tal-Evanġelju ta' Kristu.



## Konklużjoni

F'din il-ħarġa tajna ħarsa ħafifa ferm dwar it-tagħlim ta' San Pawl fiż-żewġ ittri tiegħu lill-Korintin. Għad baqa' oċejan immens ta' tagħlim li wieħed jiltaqa' miegħu f'dawn iż-żewġ kapulavuri teoloġiċi. Nagħlaq bil-ħsieb ta' San Pawl dwar l-Ewkaristija: "Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka m'huwiex għaqda mad-demm ta' Kristu? U l-ħobż li naqsmu m'huwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu? Għax la l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda" (1 Kor 10:16-17). Hija din l-imħabba ta' Kristu fl-Ewkaristija (bil-grieg: *agape*) li trid 'issuqna' lejn il-qawmien tagħna għall-ħajja ta' dejjem.

**Biblijografija**


Barbaglio, G., *La Prima Lettera ai Corinzi*, Bologna 1995.

de Boer, M.C., "The defeat of Death. Apocalyptic Eschatology in 1 Corinthians 15 and Romans 5", *JSNTSS* 22 (1998) 93-140.

Bruce, F.F., *1 and 2 Corinthians*, Grand Rapids (MI) 1971.

YYidelli, C., *Un Anno con San Paolo*, Lettera dell'Arcivescovo di Lanciano – Ortona per l'anno dedicato a San Paolo, Torino 2008.

Hafemann, S.J., "Lettere ai Corinzi", in G.F. Hawthorne – R.P. Martin – D.G. Reid (eds.); R. Penna (edizione italiana), *Dizionario di Paolo e delle sue lettere*, Torino 2000, 298-324.

Lietzmann, H., *An die Korinther I/II*, Tübingen 1969.

Segal, A.F., "Paul's Thinking about Resurrection in its Jewish context", *NTS* 44 (1998) 400-419.



# L-OMM TA' ĠESÙ ĦDEJN IS-SALIB (2)

*Mons. Lawrenz Sciberras*

## Il-Ġeneru letterarju

Bosta minn missirijiet il-Knisja jaqblu bejniethom meta jippreżentaw Ġw 19, 25-27 bħala t-testment ta' Ġesù, preċiżament waqt l-aħħar mumenti tal-ħajja tiegħu hawn fuq l-art. Għal Kriżostmu, Ċirillu ta' Lixandra, Wistin, u magħhom Ambroġ din ix-xena hija unikament

l-aħħar att ta' l-iben il-maħbub, li qabel ma miet ħalla lill-istess ommu lid-dixxiplu l-maħbub. Naturalment kif sejrin naraw aktar 'il quddiem fil-preżenza ta' Ġwanni kien hemm ippreżentati l-bnedmin kollha ta' rieda tajba.

I. de la Potterie meta jiġi biex ifisser u jittraduċi dan il-att li Ġwanni għamel ma' Marija u mad-dixxiplu l-maħbub u li bil-Grieg jaqra *élaben ha mathéthés auten eis tà idia*, li bil-Latin huwa *accepit eam discipulus in sua*, jgħid li din għandha tinftiehem f'sens ta' relazzjoni spiritwali ġdida bejn iż-żewġ persuni prediletti preżenti taħt is-salib. Id-dixxiplu l-maħbub fehem sew it-tifsira sħiħa ta' l-aħħar xewqa messjanika ta' l-imgħallem tiegħu Ġesù. Din l-inizjattiva telqet minn għand Ġesù li qal espressament: "Hawn hi ommok". Id-dixxiplu għalhekk fetaħ qalbu għar-rigal li għamillu Ġesù, u b'att sħiħ ta' fidi, minn dik is-siegħa stess laqa' għandu lil dik il-mara li sa minn dak il-mument kienet l-Omm ta' Ġesù (I. de la Potterie, "*La Passione di Gesù secondo il vangelo di Giovanni*" Milan 1988). Dan l-awtur għalhekk jipproponi din il-versjoni: "Minn dak il-waqt id-dixxiplu laqagħha fl-intimità tiegħu". Il-kelma "intimità" tfisser li aktar minn daqshekk id-dixxiplu ma setax jagħmel ma' Marija li issa kienet tilfet lil binha l-għażiż.

M. de Goedt ħareġ bl-idea li din l-iskema għandha għeruq tagħha fit-Testment il-Qadim: Hekk Isaija: "Għolli u dawwar għajnejk madwarek u ara: ilkoll miġbura ġejjin għandek, uliedek ġejjin mill-bogħod u bnietek iġorruhom fuq id-dirgħajn" (Is 60, 4). Ara wkoll Bar 4, 36-37; 5,5.

Hemm possibiltà oħra li tikkaratterizza il-ġeneru letterarju ta' Ġwanni 19, 25-27 fejn tista' tipproponi formula ta' patt jew alleanza. Il-formula ta' reċiproċità hija din: "Hekku l-iben tiegħek" u "hekku ommok", tista' tfakkar ukoll fil-formula ta' adozzjoni f'Rut 1,16: "U Rut wieġbet: 'Iġġagħalnix nitilqek u nerġa' lura minnek; fejn tmur int, immur jien; fejn toqgħod int, noqgħod jien; niesek niesi; Alla tiegħek, Alla tiegħi'". Ara wkoll Għos. 2,25; Ġer. 24,7).

Is-sejħa impliċita għal alleanza f'Ġw. 19, 25-27 tista' tfisser li meta Ġesù ta lil ommu lid-dixxiplu l-maħbub, hu kien qed jirrikonoxxi l-bnedmin bħala ulied awtentiċi ta' Alla li f'dak il-mument isiru lkoll aħwa. Hawn il-maternità spiritwali issib il-milja kollha tagħha.

## Letteratura simbolika

Paul Rioer iħobb jgħid li l-interpretazzjoni hija l-intelliġenza tas-sens doppju. Ir-raba' Vanġelu li jerġa' jaqra (*rileggere*) il-kotba tal-Ġenesi u l-Eżodu, fl-aħħar juri li l-kompiment sħiħ u mimli huwa Kristu. Bosta studjużi jżommu li s-sens letterali isib it-tifsira sħiħa tiegħu f'dak spiritwali. Issa se naraw flimkien is-suġġett ta' l-erba' nisa, ommijiet ta' Iżrael, li allura f'moħħ Ġwanni jista' jkun li kienu qegħdin hemm ukoll meta jsemmi 'l omm Ġesù fil-kuntest tal-passjoni. Dan il-kwalità ta' logħob Ġwanni jħobb jagħmlu ħafna fil-Vanġelu tiegħu.

Ta' sikwit it-tradizzjoni rabbinika ta' spiss issemmi l-erba' nisa matrijarki. Dawn huma: Sara, mart Abraham, Rebekka mart Iżakk, Rakele u Lija n-nisa ta' Ġakobb. Però fil-Ġudajiżmu hemm lista oħra ta' erba' ommijiet. Il-belt hija msemmija Qiriat Arba, li tfisser il-belt tal-erbgħa; Skont din it-tradizzjoni dawn in-nisa huma midfunin flimkien. Adam u martu Eva, Abraham u martu Sara, Iżakk u martu Rebekka, Ġakobb u martu Rakele. Ta' min ikompli jgħid li t-tradizzjoni Ġudajka ta' spiss tippreżenta lil Sara l-ewwel matrijarka bħala Eva l-ġdida.

Is-sbuħija ta' l-ommijiet u b'mod partikulari dik ta' Eva, qiegħda fit-tradizzjonijiet kollha. L-Apokrifu tal-Ġenesi ta' Qumran 12, 2-8 jgħolli 'l fuq is-sbuħija ta' Sara. Meta r-rumanz Ġużeppi u Aseneth (1, 8) jiddeskrivi l-verġni Aseneth, ixebbaħha mal-ommijiet ta' Iżrael. "Kienet kbira bħal

Sara, ħelwa bħal Rebekka u sabiħa bħal Rakele".

## Is-siwi tal-matrijarki

Sara diġà hija msemmija f'Is 51,2 fejn ġiet imsieħba ma' żewġha Abraham f'dak kollu li kellhom jerfgħu flimkien bħal koppja familja. Flavju jsejħilha "ir-reġina u l-omm tar-razza tagħna". Jekk Abraham huwa missier il-Lhud fil-fidi xejn anqas hija martu Sara. Filun ta' Lixandra jiddiskriviha bħala l-omm tal-poplu u li rċeviet is-saċerdozju u d-don tal-profezija għal ġid ta' l-umanità kollha. Dawn it-testi kollha jippruvaw li kien hemm tradizzjoni antika, u kostanti fis-sinagogi tal-Lhud dwar din il-mara speċjali għalihom.

Ukoll il-letteratura Ġudajka insistiet fuq il-mertu ta' l-ommijiet. Bosta testi jattribwixxu l-eżodu għal mertu ta' dawn l-ommijiet. L-oppressjoni fl-Eġittu ġiet imnaqqsa waħda sew b'190 sena minħabba l-qdusija ta' l-ommijiet. Fuq il-ħatar li kellu Mosè kien hemm miktub l-isem ta' Alla, kif ukoll dak tal-patrijarki u l-matrijarki ta' Iżrael. Mosè irenexxielu jirbaħ l-attakk fuq Amalek, grazzi għall-merti tal-missirijiet u l-ommijiet tiegħu. Fost il-virtujiet li kellhom dawn l-ommijiet hemm imsemmija l-kontinenza u l-purezza.

Il-purezza ta' Sara kienet timmerita l-fidwa ta' Iżrael. Il-mirakli li saru fl-Eġittu huma l-ħlas għall-purezza u l-fedeltà ta' dawn l-erba' ommijiet. Ukoll il-ġustizzja ta' l-ommijiet għandha xeħta espjatorja fil-festa ta' l-espjazzjoni jew maħfra tad-dnubiet. L-ilbies imsemmi f'Lev 16,4, jiġifieri it-tonka, il-qalziet minn taħt, it-terħa u t-turbant, għandu xeħta lejn dawn l-erba' ommijiet. Dejjem skont it-Targum, il-mertu ta' dawn l-ommijiet hija barka fuq l-art. Il-fatt li Ġwanni b'mod intenzjonali ppreżenta erba' nisa ħdejn is-salib, irid juri t-twettieq tas-suġġett tal-erba' ommijiet ta' Iżrael.

Kif diġà fissirna, dan is-suġġett huwa wieħed magħruf ħafna fil-Ġudajiżmu tal-ewwel seklu. Hekk Marija hija Sijon eskatoloġika, imma wkoll Eva l-ġdida, u Sara l-ġdida. Hija l-omm tad-dixxipli li fil-patt il-ġdid saru l-aħwa ta' Ġesù. L-espjazzjoni li saret bil-mewt tiegħu hija assoċjata wkoll mal-merti ta' dawn l-ommijiet.





# IL-VERĠNI MARIJA FL-EŻORTAZZJONI APPOSTOLIKA VERBUM DOMINI

***P Marcello Ghirlando ofm***

Fil-ħarġa li għaddiet tajna ħarsa fuq fuq lejn l-Eżortazzjoni Appostolika *Verbum Domini*. Din l-Eżortazzjoni Appostolika tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI hija frott is-Sinodu tal-Isqfijiet li kien sar f'Ottubru tal-2008, Sinodu li bħala tema kellu: *Il-Kelma ta' Alla fil-ħajja u fil-missjoni tal-Knisja.*

F'din il-ħarġa nixtieq li nagħtu titwila lejn id-diversi siltiet li fihom il-Papa jsemmi lil Verġni Marija, Omm Ġesù u Ommna lkoll, fil-kuntest tal-Eżortazzjoni Appostolika. Niftakru li l-Papa żgur li ma setax ma jsemmix lill-Verġni Mbierka Marija fil-kuntest ta' dan id-diskors twil fuq il-Kelma ta' Alla. Dan għaliex Marija hija Omm Kristu, l-Iben il-Waħdieni ta' Alla, dak li "Il-Mulej fiH qassar il-Kelma tiegħu" (Iż 10, 23; Rum 9, 28)...L-Iben innifsu huwa l-Kelma, il-*Logos*: il-Kelma eterna saret ċkejkna – ċkejkna biżżejjed biex toqgħod f'maxtura. Sar tarbija biex aħna nistgħu nilqgħu l-Kelma. Issa l-Kelma mhux biss tinstema'; mhux biss għandha leħen, imma issa l-Kelma għandha wiċċ, wiċċ li aħna nistgħu naraw: dak ta' Ġesù ta' Nazaret" (numru 12).

## Omm il-Kelma u Omm il-Fidi

Fil-qalba tal-ewwel parti tal-Eżortazzjoni Appostolika, *Verbum Dei, Il-Kelma ta' Alla,* wara li l-Papa tkellem fit-tul fuq il-Kelma ta' Alla bħala l-espressjoni ta' Alla li jitkellem fin-numri 6 - 21, kelma li teħtieġ it-tweġiba tal-fidi tal-bniedem fin-numri 22-28, il-Papa jgħaddi biex jiddedika in-numru 27 u 28 lill-Verġni Mbierka. Isejjaħ lil Marija, "Omm il-Kelma ta' Alla" u "Omm il-Fidi".

Nippreżenta traduzzjoni tat-test ta' dawn iż-żewġ numri:

"Il-membri tas-Sinodu stqarru li l-iskop bażiku tat-Tnax-il Assemblea kien biex 'tiġġedded il-fidi tal-Knisja fil-Kelma ta' Alla'. Biex dan iseħħ jeħtieġ li nħarsu lejn Dik li fiha l-għaqda tal-Kelma ta' Alla u l-fidi kienu perfetti, jiġifieri, lejn il-Verġni Marija, li bl-iva tagħha lill-kelma tal-patt u lill-missjoni tagħha, iġġib fil-milja tagħha l-vokazzjoni divina tal-umanità. Ir-realtà umana maħluqa permezz tal-kelma ssib ix-xbiha l-aktar perfetta tagħha fil-fidi ubbidjenti ta' Marija. Mit-Tħabbira għal Pentekoste hija tidher bħala mara kompletament miftuħa għar-rieda ta' Alla. Hija l-Imnissla mingħajr Tebgħa, dik li Alla għamilha 'mimlija bil-grazzja' (ara: Lq 1, 28) kompletament doċli għal kelma tiegħu. Bħala Verġni dejjem attenta għall-kelma ta' Alla, tgħix kompletament f'sintonija ma' dik il-kelma; hija tgħożż f'qalbha l-ġrajjiet marbutin ma' Binha, u tgħaqqadhom flimkien f'mużajk uniku (ara: Lq 2, 19. 51)".

"Fi żminijietna jeħtieġ li l-fidili jiġu megħjuna biex jaraw b'mod aktar ċar ir-rabta li hemm bejn Marija ta' Nazaret u l-atteġġjament tal-fidi mlaqqam fis-smigħ tal-Kelma ta' Alla. Ninkuraġġixxi anke lill-istudjużi biex jistudjaw ir-relazzjoni li tgħaddi bejn il-Marjoloġija u t-Teoloġija tal-Kelma. Dan jista' jgħin kemm lill-ħajja spiritwali kif ukoll lill-istudji bibliċi u teoloġiċi. Fil-fatt, dak li l-għarfien tal-fidi għinna biex nagħrfu fuq Marija, għandu postu fil-qalba tal-verità nisranija. L-inkarnazzjoni tal-kelma ma tistax tiftiehem jekk mhux fid-dawl tal-libertà ta' din iż-żagħżugħa li bl-ilqugħ tagħha ħadet sehem sħiħ għad-dħul ta' dak li huwa etern fiż-żmien. Marija hija x-xbiha tal-Knisja li

tisma' b'attenzjoni il-kelma ta' Alla, dik il-kelma li saret ġisem fiha. Marija hija anke s-simbolu tal-ftuħ lejn Alla u lejn l-oħrajn; smigħ attiv li jinterjorizza u jassimila l-istess Kelma, smigħ li jsir mod ta' ħajja".

"Hawnhekk nixtieq infakkar fil-familjarità li Marija kellha mal-Kelma ta' Alla. Dan jidher b'mod ċar fil-*Magnificat*. Hawnhekk naraw f'ċertu sens kif hi tidentifika ruħha mal-Kelma, titlaqqam fiha; f'dan il-kantiku ta' fidi meraviljuż, il-Verġni tgħanni t-tifħir tal-Mulej bl-istess Kelma tiegħu. Il-*Magnificat* – nistgħu ngħidu espressjoni ta' ruħha – huwa minsuġ bil-ħjut meħuda mill-Iskrittura Mqaddsa, ħjut meħuda mill-Kelma ta' Alla. Hawnhekk naraw kemm Marija kienet qrib il-Kelma ta' Alla, kemm kien faċli għaliha tidħol u toħroġ mill-Kelma. Hija titkellem u taħseb bil-Kelma ta' Alla; il-Kelma ta' Alla ssir il-kelma tagħha, il-kelma tagħha toħroġ imdawla mill-Kelma ta' Alla. Hawnhekk naraw kif ħsibijietha huma sintonizzati mal-ħsibijiet ta' Alla, kif ir-rieda tagħha hija f'għaqda mar-rieda ta' Alla. U għaliex Marija hija kompletament meħuda mill-Kelma ta' Alla, hija setgħet issir Omm il-Kelma Inkarnata".

"Meta nħarsu aktar lejn Omm Alla, naraw kif il-ħidma ta' Alla fid-dinja titlob dejjem il-kunsens ħieles tagħna; dan għaliex permezz tal-fidi l-kelma divina tibdilna. Il-ħidma appostolika u pastorali tagħna qatt ma tista' tkun effettiva jekk ma nitgħallmux minn Marija nkunu iffurmati mill-ħidma ta' Alla fina: l-attenzjoni devota u mimlija mħabba lejn il-figura ta' Marija bħala l-mudell u l-ewwel eżempju tal-fidi tal-Knisja hija importanti ħafna biex fi żminijietna tinbidel għall-aħjar ir-relazzjoni tal-Knisja mal-Kelma, kemm fis-smigħ tagħha magħqud mat-talb, kif ukoll fl-impenn ġeneruż fix-xandir tal-Kelma".

"Aħna u nikkontemplaw f'Marija ħajja totalment iffurmata mill-Kelma, nindunaw li aħna wkoll mistiedna nidħlu fil-misteru tal-fidi, li bih Kristu jidħol jgħammar f'ħajjitna. Kull Nisrani li jemmen, ifakkarna Sant'Ambroġ, b'xi mod inissel ġewwa fih u jwelled il-Kelma ta' Alla: anke jekk hemm biss Omm waħda ta' Kristu fil-ġisem, fil-fidi Kristu huwa nisilna lkoll. Dak li seħħ f'Marija jista' iseħħ fina kuljum, fis-smigħ tal-Kelma u fiċ-ċelebrazzjoni tas-Sagramenti".

Fin-numri 21 - 49 il-Papa jitkellem fit-tul fuq l-Interpretazzjoni tal-Iskrittura Mqaddsa fi ħdan il-Knisja. Fin-numri 48 - 49, il-Papa jistqarr "li kull interpretazzjoni tal-Iskrittura Mqaddsa mhijiex sħiħa jekk ma tinkludix dawk li jgħixu verament il-Kelma ta' Alla, jiġifieri l-Qaddisin".



Huma biss jistgħu jagħtuna l-interpretazzjoni l-aktar profonda tal-Kelma li bidlithom b'mod sħiħ. Anke jekk hawn il-Papa ma jsemmix espliċitament lil Marija, żgur li hija hi l-ewwel interpretu tal-Iskrittura Mqaddsa b'ħajjitha, kif jinsisti l-Papa fin-numri kollha ta' din l-Eżortazzjoni Appostolika li fiha jippreżenta lill-Verġni Marija.

## 'Baqgħet tgħożż f'qalbha'

Fit-Tieni Parti tal-Eżortazzjoni Appostolika, *Verbum in Ecclesia, Il-Kelma fil-Knisja,* il-Papa jitkellem fit-tul fuq kif il-Knisja tilqa' l-presenza u l-leħen tal-Imgħallem tagħha fil-Kelma ta' Alla. In-numri 52 - 71 huma kollha ddedikati lill-Liturġija bħala l-post privileġġjat għas-smigħ u ċ-ċelebrazzjoni tal-Kelma ta' Alla, filwaqt li n-numri 72 – 89 jitkellmu mill-Kelma ta' Alla fil-ħajja tal-Knisja, b'insistenza fuq il-formazzjoni biblika tal-Insara, tal-Ministri Sagri u tar-Reliġjużi. Hu f'dan il-kuntest aktar wiesa' li l-Papa jitkellem mill-Verġni Mbierka għal darbtejn.

Fin-numri 86 u 87, il-Papa Benedittu jitkellem fuq il-prassi tat-talb imsejjes fuq il-qari tal-Kelma ta' Alla (*Lectio Divina*). Hu jippreżenta l-ħames mumenti li wieħed jista' jgħaddi minnhom biex jitlob b'frott fuq il-Kelma: il-qari attent tal-Kelma (*Lectio* – X'inhi tgħid is-silta biblika fiha nnifisha?); il-meditazzjoni fuq il-Kelma (*Meditatio* – X'inhi tgħid il-silta biblika lili, f'dan il-mument); it-talb (*Oratio* – X'ser ngħid lil Alla wara li smajtu - is-silta biblika tqanqalni għat-talb ta' tifħir, jew ta' ringrazzjament, jew ta' interċessjoni, jew talb penitenzjali); il-kontemplazzjoni (*Contemplatio* – x'tip ta' konverżjoni qed jitlob minni l-Mulej); l-azzjoni (*actio* – il-Kelma tqanqalni biex ningħata lill-oħrajn fl-imħabba).

Fid-dawl tal-prassi tal-*Lectio Divina*, il-Papa jgħaddi biex jippreżenta lil Marija bħala mudell: "Insibu s-sintesi suprema u l-milja ta' dan il-proċess fl-Omm ta' Alla. Għal kull membru tal-Knisja Marija hija l-mudell tal-aċċettazzjoni doċli tal-Kelma ta' Alla, għaliex hi 'baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha' (Lq 2, 19; 2, 510). Fil-pjan ta' Alla hija skopriet l-għaqda profonda li tgħaqqad ġrajjiet, azzjonijiet u affarijiet li setgħu jidhru mxerrda".

Wara din ir-riflessjoni, fin-numru 88, il-Papa jgħaddi biex jitkellem mill-Kelma ta' Alla u t-Talb Marjan li għandu jkun dejjem imsejjes fl-Iskrittura Imqaddsa. Hekk jikteb il-Papa testwalment: "Bil-għarfien tal-għaqda inseparabbli bejn il-Kelma ta' Alla u Marija ta' Nazaret, flimkien mal-membri

*Panorama ta' Ġerusalemm - Ritratt: J. Grech*



tas-Sinodu ninkuraġixxi t-talb marjan fost il-fidili, b'mod partikulari fil-familji, għax dan jgħin fil-meditazzjoni tal-misteri qaddisa misjuba fl-Iskrittura Mqaddsa. Għajnuna kbira, per eżempju, hija r-reċta individwali jew komunitarja tar-Rużarju Mqaddes, li jikkontempla l-misteri tal-ħajja ta' Kristu f'għaqda ma' Marija u li l-Papa Ġwanni Pawlu II xtaq jagħmlu aktar għani bil-Misteri tad-Dawl. Xieraq li max-xandira ta' kull misteru jissieħeb test bibliku qasir li jdawwal kull misteru, dan jgħin ukoll biex wieħed jimmemorizza siltiet bibliċi qosra li għandhom x'jaqsmu mal-misteri ta' Kristu."

"Is-Sinodu irrikmanda wkoll lill-fidili biex jitolbu l-*Angelus*. Din it-talba, sempliċi imma profonda, tgħinna nfakkru kuljum il-Misteru tal-Verb Inkarnat. Huwa xieraq li l-Poplu ta' Alla, il-familji u l-komunitajiet tal-persuni konsagrati, ikunu fidili għal din it-talba Marjana li tradizzjonalment tingħad filgħodu, f'nofsinhar u filgħaxja. Fl-*Angelus* nitolbu 'l Alla li jagħtina l-grazzja, bl-interċessjoni ta' Marija, li nimitawha filli nagħmlu r-rieda tiegħu u nilqgħu l-Kelma tiegħu f'ħajjitna. Din il-prattika tista' tgħinna nikbru f'imħabba awtentika għal misteru tal-Inkarnazzjoni".

Hawnhekk il-Papa jgħaddi biex isemmi l-ġmiel tat-talbiet Marjani antiki tal-Lvant: "Xieraq li nagħrfu, napprezzaw u nużaw anke t-talbiet antiki tal-Lvant Nisrani li jikkontemplaw l-istorja kollha tas-salvazzjoni fid-dawl tat-*Theotokos,* Omm Alla. Hawnhekk nistgħu nsemmu b'mod partikulari it-talbiet tal-*Akathist* u l-*Paraklesis.* Dawn l-innijiet ta' tifħir, kantati f'forma ta' litanija u mlaqqmin fil-fidi tal-Knisja u fl-Iskrittura, jistgħu jgħinu lill-fidili jimmeditaw il-misteri ta' Kristu f'għaqda ma' Marija. Partikolarment, l-innu *Akathist* lill-Omm Alla – imsejjaħ hekk għax jiġi kantat bilwieqfa – huwa espressjoni għolja tad-devozzjoni Marjana fit-tradizzjoni Biżantina. It-talb b'dan il-kliem jiftaħ il-qlub u jħejjihom jirċievu s-sliem li ġej minn Alla: ilaqqamna fis-sliem li huwa Kristu nnifsu, imwieled minn Marija għas-salvazzjoni tagħna".

## Omm il-Kelma u Omm il-Ferħ

Fit-Tielet Parti tal-Eżortazzjoni Appostolika, *Verbum Mundo, Il-Kelma fid-Dinja,* il-Papa jitkellem fuq il-Missjoni tal-Knisja li xxandar il-Kelma lid-dinja, Kelma li tqanqal l-istess Knisja biex timpenja ruħha b'mod konkret fil-karità. Hija Kelma li ddawwal il-kultura u tqanqal ukoll għad-Djalogu Interreliġjuż. Fil-Konklużjoni tiegħu l-Papa jħeġġeġ għal Evanġelizzazzjoni ġdida imlaqqma fis-smigħ tal-Kelma ta' Alla. Kelma li tnissel il-ferħ veru f'dawk li jisimgħuha u jilqgħuha. F'dan il-kuntest, fl-aħħar paragrafu (numru 124), il-Papa jerġa' jitkellem minn Marija u jsejħilha *Mater Verbi e Mater laetitiae,* Omm il-Kelma u Omm il-ferħ.

Jikteb testwalment: "Din ir-relazzjoni intima bejn il-Kelma ta' Alla u l-ferħ tidher ċara f'Omm Alla. Biżżejjed niftakru kliem Santa Elizabetta: 'Hienja dik li emmnet f'dak kollu li ntqalilha min naħa tal-Mulej' (Lq 1, 45). Marija hija mbierka għax kellha l-fidi, għaliex emmnet, u b'din il-fidi hija rċeviet il-Kelma ta' Alla fil-ġuf tagħha biex tagħtiha lid-dinja. Il-ferħ li twieled mill-Kelma issa jista' jgħaddi fuq dawk kollha li, bil-fidi, iħallu lilhom infushom jinbidlu mill-Kelma ta' Alla. Il-Vanġelu ta' San Luqa jippreżenta dan il-misteru tas-smigħ u l-ferħ f'żewġ siltiet. Ġesù jgħid: 'Ommi u ħuti huma dawk li jisimgħu l-Kelma u jagħmlu li jgħid Hu' (8, 21). U f'tweġiba lejn mara minn qalb il-folla li tbierek il-ġuf li ġarru u s-sider li reddgħuh, Ġesù jirrivela s-sigriet tal-ferħ veru: 'Hienja dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jħarsuha!' (11, 28). Ġesù juri l-kobor veru ta' Marija, u jagħmilha possibbli għalina biex nirċievu dik il-hena li titwieled mill-Kelma milqugħa u mgħixha".

Nixtieq nagħlaq din il-ġabra ta' siltiet mill-Eżortazzjoni Appostolika *Verbum Dominis* li jitkellmu mill-Verġni Mqaddsa Marija billi naqraw in-numru 89. F'dan in-numru il-Papa Benedittu jitkellem mill-Art Imqaddsa, l-art illi fiha l-Verb sar bniedem fil-ġuf safi ta' Marija ta' Nazaret u għammar fost il-bnedmin.

"Filwaqt li niftakru fil-Kelma ta' Alla li sar ġisem fil-ġuf ta' Marija ta' Nazaret, il-qalb tagħna issa ddur lejn dik l-art fejn il-misteru tas-salvazzjoni tagħna seħħ, u minn fejn il-Kelma ta' Alla tixtered sal-ibgħad trufijiet tal-art. Bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, il-Kelma saret ġisem fi żmien speċifiku, f'biċċa art fi truf l-Imperu Ruman. Aktar ma napprezzaw l-universalità u l-uniċità tal-persuna ta' Kristu, aktar nħarsu b'sens ta' radd-il ħajr lejn l-art fejn twieled, għex u ta ruħu għalina Kristu. Il-ġebel li fuqhom mexa l-Feddej għadhom imdawla bit-tifkira tiegħu u 'jgħannu' l-Bxara t-Tajba. Għal din ir-raġuni l-membri tas-Sinodu fakkru l-espressjoni feliċi li titkellem mill-Art Imqaddsa bħala 'l-Ħames Vanġelu'. Kemm huwa importanti li f'dawn il-postijiet ikun hemm komunitajiet insara, minkejja d-diffikultajiet! Is-Sinodu tal-Isqfijiet esprimew għaqda profonda mal-Insara li jgħixu fl-art ta' Ġesù u li jixhdu għal fidi tagħhom f'Dak li qam minn bejn l-imwiet. L-Insara tal-Art Imqaddsa huma msejħa biex, mhux biss ikunu dawl ta' fidi għall-Knisja universali, imma wkoll li jkunu ħmira ta' armonija, għerf u ekwilibriju fil-ħajja ta' soċjetà li tradizzjonalment kienet, u tibqa', pluralitistika, multi-etnika u multi-reliġjuża".

F'dan id-dawl il-Papa tkellem fuq is-sens tal-pellegrinaġġ nisrani: "L-Art Imqaddsa tibqa' illum l-iskop ta' pellegrinaġġ għall-poplu Nisrani, post ta' talb u penitenza, kif xehdu kittieba antiki bħalma kien San Ġlormu. Aktar ma ndawwru ħarsitna u qlubna lejn Ġerusalemm tal-art, aktar tikber fina x-xewqa għal Ġerusalemm tas-sema, l-iskop veru ta' kull pellegrinaġġ, flimkien max-xewqa tagħna li l-isem ta' Ġesù, l-isem uniku li jġib il-fidwa, ikun magħruf minn kulħadd (ara: Atti 4, 12)".

*Ġerusalemm bil-lejl - Ritratt: J. Grech*





# IT-TESTMENT IL-ĠDID FID-DAWL TAT-TESTMENT IL-QADIM

*Rev Dr Martin Micallef OFM Cap*

Fl-aħħar ħarġa tkellimna fuq kif il-Kristjaneżmu twieled fi ħdan il-Ġudaiżmu. F'dan l-artiklu issa se naraw kif il-Kotba Mqaddsa li l-Insara tal-Bidu wirtu mingħand il-Lhud ġew interpretati b'mod ġdid fid-dawl tal-ġrajjiet ta' Ġesù Kristu. Filwaqt li nagħmlu dan, se nippruvaw ukoll naraw fil-qosor kif matul l-istorja dan il-mod ta' interpretazzjoni Biblika ma tantx għen biex il-Lhud u l-Insara jħarsu lejn xulxin b'mod tajjeb.

## Oriġini Storika

Kien permezz tal-oriġini storika, li ssib l-għeruq tagħha fil-Ġudaiżmu, li l-ewlenin Insara skoprew ir-rabtiet tagħhom mal-poplu Lhudi. L-istess persuna li fih emmnu, Ġesù Kristu, hu nnifsu hu iben dan il-poplu. Hekk jiftaħ, per eżempju, l-Evanġelju skont San Mattew: "Ktieb in-nisel ta' Ġesù Kristu, bin David, bin Abraham" (Mt 1,1).[1] Hekk ukoll it-Tnax-il Appostlu li Ġesù għażilhom "biex jibqgħu miegħu u biex jibgħathom jippridkaw" (Mk 3,14), jidher li l-ewwel predikazzjoni tagħhom kienet indirizzata biss lil-Lhud. Hekk igħid Ġesù lit-Tnax: "Taqbdux triq il-pagani, u tidħlux f'belt tas-Samaritani, imma qabel xejn morru fittxu n-nagħaġ il-mitlufa tad-dar ta' Iżrael" (Mt 10,5-6).[2]

Xhieda dejjiema tal-fatt li l-Insara twieldu fi ħdan il-Ġudaiżmu hija li dawn aċċettaw il-Kotba Mqaddsa tal-Lhud. Il-Kotba Mqaddsa li l-ewlenin Insara kienu jużaw kienu dawk użati mil-Lhud, ukoll jekk il-Kanone tal-Iskrittura Lhudi kien għadu mhux definit.[3] Sadanitant, it-Testment il-Ġdid kien għadu fil-forma embrijonika tiegħu, jiġifieri, kien għadu qed jissawwar. Filwaqt li ngħidu dan, irridu nżommu f'moħħna li l-kitbiet tat-Testment il-Ġdid ma kienu qatt ippreżentati bħala xi ħaġa assolutament ġdida. Għall-kuntrarju, dawn il-kitbiet jagħtu xhieda għall-oriġini tagħhom li tmur lura għall-esperjenza reliġjuża twila tal-poplu ta' Iżrael miktuba f'forom differenti fil-Kotba Mqaddsa jew aħjar f'dak li aħna l-Insara llum insejħu bħala "it-Testment il-Qadim." Minkejja dan, ma nistgħux inqisu t-Testment il-Ġdid daqs li kieku xi kommentarju fuq it-Testment il-Qadim. Minflok, bil-ġrajja tal-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet kienet bdiet fażi ġdida fil-mod kif il-Kotba Mqaddsa kienu se jibdew jiġu interpretati.

## L-Użu tat-Testment il-Qadim mill-Insara tal-bidu

It-Testment il-Qadim kellu awtorità għall-Knisja tal-Bidu biss minħabba li dan kien qed jiġi interpretat permezz tal-Evanġelju. F'kelma oħra, it-Testment il-Qadim kien qed iservi bħala "l-Iskrittura" għall-Insara tal-Bidu minħabba li dan kien qed jinqara fid-dawl tal-ġrajja tal-persuna u l-messaġġ ta' Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla, il-Messija imwiegħed.[4] Dan ifisser li dak li nkiteb fit-Testment il-Qadim kien "jeħtieġ" li jseħħ għaliex dan jirrivela l-pjan ta' Alla li ma setax ma jseħħx. Dan ifisser li l-ħajja, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù Kristu kienu fil-fatt jaqblu perfettament ma' dak li nkiteb fit-Testment il-Qadim.

L-espressjoni klassika għal dan insibuha fuq fomm Kristu Rxoxt fil-laqgħa tiegħu mad-dixxipli, meta lil dawn jgħidilhom: "Meta kont għadni magħkom għedtilkom dawn il-kelmiet, '*Jeħtieġ* [bil-Grieg: *dei*] li jseħħ kulma nkiteb fuqi *fil-Liġi ta' Mosè, fil-Profeti u fis-Salmi*" (Lq 24,44).[5] Dan it-test li jurina r-raġuni aħħarija għaliex kien "jeħtieġ" li Ġesù jmut u jirxoxta, insibuh jidwi f'siltiet oħra

tal-Evanġelju. Hekk, per eżempju, f'Mk 8,31 naqraw: "U beda jgħallimhom fuq li *kien meħtieġ* [bil-Grieg: *dei*] li Bin il-bniedem ibati ħafna, ikun miċħud … joqtluh, u wara tlett ijiem jerġa' jqum."

Dan hu dak li San Mattew ta' spiss jikteb fir-rakkonti tat-twelid ta' Ġesù kif ukoll fir-rakkonti tal-passjoni ta' Ġesù. L-insistenza tal-Evanġelju fuq l-għan ta' dawn il-ġrajjiet "sabiex isseħħ l-Iskrittura" jagħti importanza kbira lit-Testment il-Qadim.[6] Hekk ukoll naqraw fl-Evanġelju skont San Ġwann matul ir-rakkont tal-Passjoni ta' Ġesù.[7] F'kelma oħra, dawn it-testi jaffermaw li l-misteru kollu tal-ħajja ta' Kristu Ġesù hu fi qbil mal-Iskrittura jew ma' dak li qed insejħulu bħala "it-Testment il-Qadim."

Għalkemm mela l-ewlenin Insara interpretaw it-Testment il-Qadim fid-dawl tal-ġrajjiet ta' Ġesù li ġew miġburin f'dak li aħna nsejħu bħala t-'Testment il-Ġdid', daqshekk ieħor hu importanti li nagħrfu li t-tradizzjoni tat-Testment il-Ġdid ġiet iffurmata mit-Testment il-Qadim.

Dan jidher tajjeb ukoll fil-*kerygma* tal-Knisja tal-Bidu li tati xhieda għall-ġrajjiet li bihom Kristu Ġesù kisbilna s-salvazzjoni permezz tat-tbatija, il-mewt u l-qawmien tiegħu "skont l-Iskrittura." Hekk jikteb San Pawl f'1 Kor 15,3-4: "Qabel xejn, jien għallimtkom dak li tgħallimt jien, jiġifieri, li Kristu miet minħabba dnubietna, *skont l-Iskrittura*; difnuh u qam mill-imwiet fit-tielet jum, *skont l-Iskrittura* …"

## Il-Kontinwità bejn iż-żewġ testmenti

B'dan f'moħħna nistgħu nibdew napprezzaw li l-Knisja sa mill-bidunett għarfet il-kontinwità u l-għaqda li hemm bejn iż-żewġ Testmenti. Fil-fatt, meta fil-bidu tat-Tieni Seklu W.K., Marċjone pprova jneħħi t-Testment il-Qadim mil-lista tal-Kotba Mqaddsa li l-Insara kellhom jaċċettaw bħala kotba ispirati, dan sab reżistenza kbira mill-Knisja u spiċċa biex ġie skomunikat.[8] Il-Knisja għarfet sa mill-bidu li t-Testment il-Ġdid għandu jinqara fid-dawl tat-Testment il-Qadim, iżda fl-istess ħin għarfet ukoll il-bżonn li t-Testment il-Qadim jinqara fid-dawl tal-persuna ta' Ġesù Kristu.

F'dan il-proċess, il-Missirijiet tal-Knisja żviluppaw teknika li tissejjaħ *tipoloġija,* jiġifieri, li l-persuni jew il-ġrajjiet li jissemmew fit-Testment il-Qadim jiġu ppreżentati b'mod li dawn donnhom qed iħabbru ġrajjiet li kien għad iridu jseħħu, mingħajr ma' dan kollu jnaqqas mill-istoriċità ta' dawn l-istess ġrajjiet.[9] Jekk, per eżempju, nieħdu l-kitba *Peri Pascha,* ta' Melito, Isqof ta' Sardis, naraw kif f'din il-kitba dwar it-tbatija, l-mewt u l-qawmien ta' Ġesù Kristu li tmur lura għat-Tieni Seklu, insibu kif huwa jara fid-demm li l-Lhud ċappsu mal-koxox tal-bibien ta' djarhom, id-demm ta' Kristu. Għal Melito, kien id-demm ta' Kristu li l-anġlu ra mċappas mal-koxox tal-bibien tad-djar, liema demm wassal għall-ħelsien ta' dan il-poplu mill-jasar tal-Eġittu.[10]

Oriġene jqis il-ħatar tal-injam li Mosè daħħal fl-ilma morr biex dan inbidel f'ilma ħelu (ara Eż 15, 22-25) bħala referenza għall-għuda tas-salib ta' Kristu. Huwa jinterpreta l-biċċa ħamra, użata minn Raħab iż-żienja bħala mod kif dawk il-Lhud li kienu ltaqgħu magħha setgħu jagħrfu d-dar tagħha (ara Ġoż 2, 18), bħala referenza għad-demm ta' Kristu li bih ġejna salvati.[11]

Ma nistgħux iżda ma ngħidux li dan il-mod kif ġiet interpretata l-Iskrittura xi drabi mhux biss kien mod arbitrarju iżda wkoll perikoluż. Dan il-mod ta' interpretazzjoni biblika bħal donnu warrab il-kuntest storiku li fih ġew miktubin dawn il-ġrajjiet li jissemmew fit-Testment il-Qadim. Mhux biss, imma wkoll ħafna drabi dan il-mod ta' interpretazzjoni biblika ntuża sabiex juri s-superjorità tal-Kristjaneżmu fuq it-twemmin Lhudi.

Hekk, per eżempju, San Ċirillu, Isqof ta' Lixandra, jikkummenta fuq is-superjorità tal-kmandament il-ġdid li Ġesù jagħti fi

Ġw 13,34 f'kuntrast mal-liġi l-qadima ta' Mosè li hu jsejħilha "vojta u ma tiswiex"[12] Santu Wistin jesprimi s-superjorità ta' Kristu fuq il-persuna ta' Mosè. Fil-persuna ta' Mosè, Santu Wistin ra l-prekursur ta' Kristu, għalhekk fil-Kummentarju tiegħu fuq l-Evanġelju skont San Ġwann, jikteb: "Mosè ġie magħżul għall-ministeru kbir biex ikun fidil fid-dar tiegħu, iżda huwa jibqa' qaddej, huwa seta' jimxi skont il-liġi, iżda ma setax jeħles mill-ħtija tal-liġi."[13]

Din it-tip ta' interpretazzjoni biblika iżda wasslet lil bosta mill-Missirijiet tal-Knisja biex jużaw kliem iebes fuq il-Lhud. Filwaqt li ngħidu dan irridu niftakru wkoll li dan għamluh mhux biex ikebbsu xi mibegħda lejn l-Insara u l-Lhud, imma għaliex emmnu li dan il-mod ta' interpretazzjoni biblika, seta' jgħin lil-Lhud jagħrfu l-iżball tagħhom u jaċċettaw lil Ġesù bħala l-Messija.[14]

Hekk, per eżempju, meta jiġi biex jikkumenta fuq Ġw 8,44-47, it-test li fih Ġesù jsejjaħ lil-Lhud bħala wlied ix-Xitan, Santu Wistin jikteb: "Ix-xitan m'huwiex xi ħadd fis-singular, iżda isem komuni. F'kull min tinstab il-ħidma tax-xitan, dan għandu jissejjaħ xitan. Dan hu l-isem ta' ħidma, u mhux ta' natura. Hawnhekk għalhekk il-Mulej kien qed ifisser meta jgħid li Kajin huwa missier il-Lhud, li lilu xtaqu jimitaw billi qatlu lis-Salvatur; għaliex kien Kajin li ppreżenta l-ewwel eżempju ta' xi ħadd li qatel lil ħuh."[15]

Din it-tip ta' interpretazzjoni ma tantx għenet sabiex il-Lhud u l-Insara jersqu lejn xulxin. Kien wara l-ġrajjiet li seħħew fit-Tieni Gwerra Dinjija, fejn miljuni ta' Lhud ġew maqtulin (is-*Shoah*), li ġiegħel lill-Knisja sabiex terġa' tikkonsidra l-mod kif ġie interpretat it-Testment il-Qadim. Dan jidher b'mod speċjali f'wieħed mill-aktar Dokumenti riċenti maħruġ mill-Kummissjoni Pontifiċja Biblika li jitkellem proprju fuq hekk u li jispiċċa b'din ix-xewqa li tgħid: "Hija xewqa kbira li l-preġudizzji u n-nuqqas ta' ftehim jiġi eleminat bil-mod il-mod miż-żewġ naħat, biex b'hekk iż-żewġ naħat jippruvaw jifhmu aktar



il-wirt li jaqsmu flimkien u sabiex isaħħu dak li jista' jgħaqqadhom flimkien."[16]

---

1 Ara wkoll il-bidu tal-Ittra lir-Rumani fejn l-Appostlu San Pawl jikteb: "Dan hu l-Evanġelju li Alla kien wiegħed permezz tal-Profeti fil-Kotba Mqaddsa dwar Ibnu Ġesù Kristu li, skont it-tnissil tal-ġisem, twieled min-nisel ta' David …" (Rum 1, 2-3).

2 Kien wara l-qawmien ta' Ġesù u t-tlugħ tiegħu fis-sema li din il-missjoni kellha titwessa permezz tal-ordni ta' Ġesù: "Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha" (Mt 28,19). Fl-Atti tal-Appostli, imbagħad, nibdew naraw kif mal-ewlenin insara bdew jissieħbu xi pagani li kellhom rabta mal-komunità Lhudija.

3 Fuq dan il-punt, ara, Brevard. S. Childs, *Biblical Theology of the Old and New Testaments, Theological Reflection on the Christian Bible,* Minneapolis 1992, speċjalment, pp. 53-79.

4 Dwar dan, ara, J. D. G. Dunn, *Unity and Diversity in the New Testament,* London 1977, 81f. Ara wkoll B. Lindars, *The Place of the Old Testament in the Formation of New Testament Theology,* in *New Testament Studies* 23 (1977) 59-75.

5 L-espressjoni "il-Liġi ta' Mosè, il-Profeti u s-Salmi" hawnhekk hija referenza għat-taqsimiet ewlenin tat-Testment il-Qadim.

6 Fuq l-użu tat-Testment il-Qadim fl-Evanġelju skont San Mattew, ara l-istudju ta' James M. Hamilton Jr, '*The Virgin Will Conceive': Typological Fulfillment in Mattew 1:18-23,* in *Built upon the Rock, Studies in the Gospel of Matthew,* edited by Daniel M. Gurtner – John Nolland, Grand Rapids/MI – Cambridge 2008, 228-247.

7 Ara Maarten J.J. Menken, *Old Testament Quotations in the Fourth Gospel, Studies in Textual Form* (= Biblical Exegesis and Theology 15), Kampen 1996.

8 Għal aktar tagħrif fuq Marċjone u fuq dak li kien qed jipproponi, ara, Lee M. McDonald, *The Formation of the Christian Biblical Canon, Revised and Expanded Edition,* Massachusetts 1995, speċjalment pp. 142-169.



9 Għal definizzjoni ta' tipoloġija u l-użu tagħha fl-interpretazzjoni tal-Iskrittura mill-Missirijiet tal-Knisja, ara, Francis Young, *Biblical Exegesis and the Formation of Christian Culture,* Cambridge 1997, 192-202.

10 Ara Melito of Sardis, *On Pascha and fragments,* in *Oxford Early Christian Texts,* edited by Stuart George Hall, Oxford 1979.

11 Għal aktar eżempji, ara Manlio Simonetti, *Biblical Interpretation in the Early Church, An Historical Introduction to Patristic Exegesis,* Edinburgh 1994.

12 Ara Cirillo di Alessandria, *Commento al Vangelo di Giovanni/3* (= *Collana di testi Patristici* 113), Roma 1994, 48. It-test bit-taljan juża hawn "vana e inutile."

13 Ara, Robert L. Wilken, *Judaism and the Early Christian Mind: A Study of Cyril of Alexandria's Exegesis and Theology,* London 1971, 149.

14 Għal diskussjoni tajba fuq dan il-punt, ara, Lee Martin McDonald, *Anti-Judaism in the Early Church Fathers,* in *Anti-Semitism and Early Christianity, Issues of Polemic and Faith,* edited by Craig A. Evans – Donald A. Hagner, Minneapolis 1993, 215-252.

15 *Catena Aurea: A Commentary on the Four Gospels Collected out of the Works of the Fathers by St. Thomas Aquinas,* vol. 4, edited by John Henry Newman, Southampton 1997, 315. Ara wkoll Martin Micallef, *L-Interpretazzjoni Biblika ta' Santu Wistin: Kontribut għall-anti-semitiżmu?* f'*Knisja 2000* (April-Ġunju 2005) 21-35.

16 Ara, The Pontifical Biblical Commission, *The Jewish People and their Sacred Scriptures in the Christian Bible,* Vatican 2002, 199.



# IŻ-ŻWIEĠ FL-ISKRITTURA (1)

*Fr. Pawl Sciberras*

## Premessa

La se naraw x'tgħid l-Iskrittura dwar iż-żwieġ, qegħdin naċċettaw li fl-Iskrittura, fil-Bibbja, Alla jitkellem u jirrivela lilu nnifsu b'mod ispirat fil-kliem u l-ġrajja rrakkuntati mill-awturi umani. Bħala Kristjani nemmnu li din ir-rivelazzjoni ta' Alla laħqet il-qofol tagħha f'Ġesù

Kristu magħmul bniedem bħalna (Ġw 1, 18 u 1, 14). Meta se nitkellmu fuq iż-żwieġ fl-Iskrittura se nkunu qegħdin infittxu l-verità rrivelata minn Alla nnifsu f'dak li għandu x'jaqsam maż-żwieġ u l-familja.

## Imma min hu Alla li jirrivela lilu nnifsu?

Dak li joħroġ mir-rivelazzjoni Kristjana dwar Alla hu li Alla hu uniku imma ma hux solitarju. Alla hu komunjoni ta' persuni; Alla huwa relazzjoni; Alla huwa komunità. Il-Papa Ġwanni Pawlu II jiġbor dak kollu li hemm xi tgħid dwar dan hekk: "Alla hu familja".

Familja, komunità. Il-Missier ma jistax ikun missier jekk ma nissilx 'l-Iben; l-Iben ma jistax ikun Iben jekk ma ġiex imnissel mill-Missier. Dak li jagħmilhom Missier u Iben huwa proprju l-Ispirtu tagħhom, Spirtu qaddis, la hu l-Ispirtu ta' Alla: appuntu l-Ispirtu s-Santu, l-Ispirtu Qaddis. Biex ikun Missier ma setax jibqa' waħdu; ried ikun Missier ta' Iben; ried joħroġ minnu nnifsu lejn xi ħadd ieħor: l-Iben. U l-Iben bħala Iben joħroġ minnu nnifsu lejn il-Missier ... f'relazzjoni ta' mħabba. Dak li jagħmilhom Missier u Iben, dak li jgħaqqadhom flimkien bħala Missier u Iben huwa l-Ispirtu Qaddis tagħhom. Imma lanqas hekk biss ma setgħet tibqa' l-imħabba tagħhom għal xulxin. Riedet toħroġ iżjed 'il barra: lejn il-ħolqien li ħareġ minn idejn Alla u fis-salvazzjoni tad-dinja.

Dan Alla-komunità, Alla-familja, jifforma l-umanità "skont is-sura u x-xbieha tagħna" (Ġen 1, 26). Għedt "jifforma" għax fit-test Lhudi tat-tieni rakkont tal-ħolqien tal-bniedem, f'Ġen 2, 7, l-awtur juża l-verb (*jāzàr*) tal-fuħħari li jaħdem b'idejh il-fuħħar. F'din l-immaġni importanti ninnutaw li l-fuħħari ma kienx jaħdem serje ta' oġġetti kollha l-istess imma oġġett wieħed differenti mill-ieħor.

- Hemm element ta' *affettività* bejn il-fuħħari u l-oġġett li jaħdem b'idu.

- Hemm element ta' *uniċità* f'kull bniedem li Alla ħalaq.

Dan kollu jfisser li l-bniedem għandu doża qawwija ħafna,



anzi kollu kemm hu, ta' relazzjonalità: il-bniedem jeżisti dejjem f'relazzjoni ma' ħaddieħor.

• Relazzjoni speċjali *ma' Alla* (il-kelma u l-fomm li bihom Alla ħalaq il-bniedem għandhom intimità partikolari ma' min jgħidhom);

• Relazzjoni speċjali *mal-bqija tal-ħolqien*, relazzjoni li tagħtih post speċjali (Adam jagħti l-isem lill-bhejjem kollha);

• Relazzjoni speċjali *mal-bnedmin l-oħra*: il-bniedem mhux bniedem jekk mhux raġel u mara, tnejn. Ir-rabbini jagħtu immaġni ta' kif il-bniedem inħalaq raġel u mara: Alla ħalaq il-bniedem donnu statwa (*zélem*), imbagħad isserra min-nofs u l-bniedem ġie raġel u mara ("din għadma minn għadmi, laħam minn laħmi"; Adam jagħti l-isem lil Eva; u hi ssir "l-għajnuna tgħodd għalih").

La għedna, u nemmnu, li Ġesù Kristu huwa l-qofol, il-quċċata tar-rivelazzjoni ta' Alla, huwa lejh li rridu nħarsu għal dak il-qofol. Issa, meta hu ġie mistoqsi dwar id-divorzju (Mt 19, 3), wieġeb il-mistoqsija li għamlulu billi rrefera bħala bidu assolut taż-żwieġ għall-Ktieb tal-Ġenesi, u speċifikament għal Ġen 1, 27 u 2, 24: "Alla ħalaq il-bniedem skont ix-xbieha tiegħu; skont xbihetu Alla ħalqu; raġel u mara ħalaqhom", u "Għalhekk ir-ragel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed" (Mt 19, 4-6). Allura nifhem li jekk irridu nitkellmu fuq iż-żwieġ, fuq "kif kien fil-bidu" (Mt 19, 8), allura rridu naraw sewwa x'jgħid dak il-bidu.

## Ir-rakkonti tal-ħolqien tal-adàm fil-Ġenesi

1) *L-għajn l-aktar antika* tar-rakkont tal-ħolqien, il-Jaħwista, għax fiha Alla hu msejjaħ Jaħweh (Ġen 2, 7.15-22; 3, 16-19), li tmur lura għall-għaxar seklu q.K., tpinġilna lil Alla li joħloq lill-bniedem bħala ħolqien uniku: "Il-Mulej Alla sawwar il-bniedem mit-trab tal-art u nefaħlu fi mnifsejh nifs il-ħajja, u l-bniedem sar ħlejqa ħajja" (Ġen 2, 7). Imma mbagħad: "Il-Mulej Alla qal: 'Mhux sewwa li l-bniedem jibqa' waħdu. Ħa nagħmillu għajnuna tgħodd għalih'" (2, 18). Imma minn fost il-ħlejjaq kollha "[20] għall-bniedem ma nstabet ebda għajnuna tgħodd għalih. [21] U l-Mulej Alla ... ħadlu waħda minn kustiljih u flokha mlieh bil-laħam. [22] U l-Mulej Alla sawwar il-kustilja, li kien ħa mill-bniedem, f'mara u ġiebha lill-bniedem" (2, 20-22). Fil-Ġenesi, il-bniedem huwa msejjaħ bil-Lhudi, il-lingwa li biha nkiteb it-TQ, *adàm* għax inħalaq mill-*adamàh*, mill-art. Il-ħolqien uniku maħluq minn Alla, l-*adàm*, huwa magħmul minn żewġ "naħat" (*quddiem u wara*): il-kelma Lhudija *zélaq* li aħna nittraduċu "kustilja" tfisser ukoll "naħa". L-*adàm* huwa magħmul minn naħa maskili u minn naħa femminili, tar-raġel u tal-mara. L-*adàm* huwa għalhekk il-koppja, l-għaqda bejn ir-raġel u l-mara.

Dan ir-rakkont Bibliku jurina l-ewwel nett li l-bniedem huwa ontoloġikament komunjoni, il-bniedem huwa mħabba. Għandu tifsira speċjali l-fatt li l-ewwel kliem tal-bniedem fil-Bibbja huwa innu ta' tifħir mill-bniedem, għax skopra lilu nnifsu mhux realtà iżolata, imma misteru ta' komunjoni: "Din id-darba din hi għadma minn għadmi, laħam minn laħmi" (Ġen 2, 23).

Barra minn hekk, iż-żewġ naħat tal-*adàm* huma minnhom infushom imsejħa biex ikunu ħaġa waħda: kull waħda mit-tnejn, waħidhom, ma humiex l-*adàm*. "Għalhekk ir-ragel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed" (2, 24): għall-mentalità Semitika, li ma tafx bi ħsibijiet astratti, il-kelma "ġisem/laħam" (*basàr*) hawnhekk tfisser dak li jfisser il-kunċett filosofiku ta' "persuna". Il-persuna umana sseħħ sħiħa fil-koppja f'komunjoni ta' żwieġ, li fiha "it-tnejn" isiru "wieħed". Huwa għalhekk ċar li l-monogamija, raġel wieħed ma' mara waħda, hija proġett ta' Alla. Il-poligamija,

li mbagħad saret komuni anke għal-Lhud, kienet ħolqien tal-pervers Lamek (Ġen 4, 19). Skont il-Ġenesi, il-monogamija kellha tkun anke r-regola għall-annimali, kif juri l-kmand ta' Alla lil Noè biex idaħħal "koppji ta' annimali" fl-arka (Ġen 7, 2.9).

It-tielet punt li joħroġ minn dan ir-rakkont-poema huwa l-fatt tal-ugwaljanza assoluta taż-żewġ "naħat". Jidher ċar anke mill-*play on words* fil-v.23 tal-kapitlu 2 fuq il-kelmiet bil-Lhudi għal "raġel" (bil-Lhudi "*ixx*") u "mara" (*ixxàh*): "għalhekk tissejjaħ *ixxàh*, mara, għax mill-*ixx*, mir-raġel, ittieħdet hi". Kieku kellna nżommu l-istess *play on words* fil-Malti, biex nifhmu x'qiegħed jgħid it-test oriġinali Lhudi, allura konna nittraduċu: "għalhekk tissejjaħ *raġla*, għax mir-*raġel* ittieħdet hi." Il-punt huwa r-relazzjoni stretta ħafna bejn ir-raġel u l-mara bħala li t-tnejn flimkien jiffurmaw il-bniedem, l-*adàm*.

Id-dnub tal-bniedem irrovina l-proġett meraviljuż ta' Alla: bil-ħtija tiegħu, il-bniedem jitlef l-ekwilibriju tiegħu man-natura, u x-xogħol isir għalih taħbit u għaraq (Ġen 3, 17-19). Il-bniedem ma baqagħlux il-pussess etern tal-ħajja, u jduq il-mewt (Ġen 3, 19). Imma jibqa' nieqes ukoll mill-armonija stupenda tal-ħajja sesswali u tal-koppja. Fuq kollox, ir-raġel u l-mara ma humiex iktar "għajnuna tgħodd" (2, 18) tal-waħda għall-ieħor u bil-maqlub, imma jsiru tfixkil għal xulxin (3, 6), jitbiegħdu t-tnejn mill-Mulej Alla billi jinħbew minn quddiemu (3, 8), jakkużaw lil xulxin (3, 12). Bejn it-tnejn tispiċċa l-ugwaljanza u l-korresponsabbiltà: bejn it-tnejn tibda l-vjolenza, ix-xenqa ta' ħakma fuq xulxin: "lejn żewġek tiġbdek xewqtek, u jaħkem fuqek hu" (3, 16). Is-sesswalità mhijiex aktar "tajba ħafna" (1, 31), mgħixha fil-ferħ u s-serenità: jekk qabel "it-tnejn kienu għerja, ir-raġel u martu, u ma kinux jistħu minn xulxin" (2, 25), issa wara d-dnub, "infetħu għajnejhom it-tnejn u ntebħu li kienu għerja, u ħietu weraq tat-tin, u għamlu iħżma" (3, 7). Anke l-fekondità sseħħ fl-uġigħ u t-taħbit (3, 16) u l-kmand "oktru u mlew l-art" (1, 28) ma jibqax jingħax fi klima ta' barka u ta' dinjità, imma taħt is-sinjal tat-tbatija.

2) *L-għajn saċerdotali* tal-Ġenesi (Ġen 1, 26-28), tas-sitt seklu q.K. tgħid: "Alla ħalaq il-bniedem skont ix-xbieha tiegħu; skont xbihetu Alla ħalqu; raġel u mara ħalaqhom" (1, 27). F'dan il-vers il-Bibbja tipproklama qabel xejn lill-bniedem, 'l-*adàm*, skont is-sura (*zélem*), jiġifieri r-riproduzzjoni, ir-ritratt, il-kopja konkreta, nistgħu ngħidu l-istatwa, u x-xbieha (*demùt*), jiġifieri l-korrispondenza l-aktar f'sens spiritwali, ta' Alla nnifsu.

Imma dan l-*adàm* maħluq minn Alla skont is-sura ħajja fuq l-art, skont l-ikona tiegħu, huwa terminu kollettiv: fil-v.26 tal-ewwel kapitlu, l-ewwel jibda: "Ejjew nagħmlu l-*adàm* skont is-sura u x-xbieha tagħna, u jaħkmu fuq il-ħut ...." Imbagħad il-vers ta' wara jispeċifika li l-*adàm* huwa ffurmat mir-raġel (*zakhàr*) u mill-mara (*neqebàh*).

Irridu l-ewwelnett ninnutaw dak li nsejħulu paralleliżmu fil-Bibbja. Żewġ versi jkunu paralleli ma' xulxin, qishom jirrepetu lil xulxin biex it-tieni vers jispjega l-ewwel wieħed. F'dan il-każ, jekk inqiegħdu ż-żewġ versi 26 u 27 tal-ewwel kapitlu taħt xulxin, ikollna:

Ejjew nagħmlu l-*adàm* skont is-sura u x-xbieha tagħna ...
Alla ħalaq 'l-*adàm* skont ix-xbieha tiegħu,
fuq ix-xbieha tiegħu **ħalqu**
raġel u mara **ħalaqhom**.

Meta narawhom hekk, l-awtur qiegħed jgħidilna li rridu nifhmu li x-xbieha ta' Alla fl-*adàm* tikkonsisti filli l-*adàm* ikun raġel u mara. Għalhekk allura mbagħad jista' jgħid li dak li ħalaq Alla ma għandux jifirdu l-bniedem, għax ikun jifred, iċarrat, ix-xbieha ta' Alla fih. Barra minn hekk, il-Ġenesi jgħid li Alla ħalaq lill-mara mill-kustilja tar-raġel, anzi t-test Lhudi jgħid: "Alla *bena* lill-mara mill-kustilja tar-raġel, waqt li r-raġel kien f'nagħsa tqila" (2, 21). Ir-raġel kellu sehem sħiħ fil-ħolqien tal-annimali, semmihom hu b'isimhom, imma kien Alla waħdu, bla ebda inizjattiva tar-raġel, li ħalaq lill-mara. Imbagħad meta Alla fforma lill-mara mir-raġel, ħadha hu stess lil Adam, u hekk saru tassew ħaġa waħda, fuq inizjattiva kollha kemm hi ta' Alla. Saru r-rigal ta' Alla nnifsu lil xulxin. Għalhekk seta' jgħid li dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem.

Ħaġa oħra li l-awtur qiegħed jgħidilna f'dawn iż-żewġ versi hija: li din ix-xbieha ta' raġel u mara fl-*adàm* għandha l-karatteristika fundamentali tal-komunikabilità. Alla u l-*adàm*, il-bniedem, jixbhu lil xulxin l-ewwelnett fil-fatt ta' komunikazzjoni bejniethom. Alla joħloq lill-*adàm* frott ta' djalogu: "Ejjew nagħmlu l-*adàm*", qisu jiddiskuti, jiddjaloga miegħu nnifsu. Imbagħad, meta jaħlaqhom, jibda djalogu magħhom: "Berikhom Alla u qalilhom: 'Nisslu u oktru u imlew l-art ... nagħtikom il-ħaxix kollu u s-siġar kollha b'ikel ... u lill-bhejjem u lit-tjur nagħtihom il-ħaxix aħdar b'ikel'" (vv.28-30). Wara dan id-djalogu, Alla ra li kull ma għamel kien "tajjeb ħafna". Id-djalogu jkompli għax ir-raġel u l-mara u l-ħolqien jagħmel dak li kkmanda Alla. Ngħidu aħna, aktar tard, ir-raġel u l-mara jagħrfu lil xulxin, u minn din il-komunikazzjoni ta' ġisimhom u r-rieda tagħhom stess jitwieldu Kajjin u Abel (Ġen 4); bħal Alla u ma' Alla joħolqu kreaturi oħra.

Dan ifisser li x-xbieha ta' Alla fl-*adàm* hija karatterizzata filli Alla jaħlaq kreatura li jista' jkellimha, jikkomunika magħha, hi tisimgħu u



tifhmu, u tagħtih tweġiba lura, billi tagħmel dak li jrid minnha hu.

Dan huwa vers fundamentali, il-v.26 tal-ewwel kapitlu tal-Ġenesi, li jgħaddi mill-pronom singular (*otò*) għall-plural (*otàm*): "Alla ħalaq l-*adàm*, skont is-sura ta' Alla ħalq***u***, raġel u mara ħalaq***hom*** (Ġen 1, 27). Irridu niġbdu l-attenzjoni fuq aspett bażilari, marbut mal-kwalità letterarja nnifisha tal-vers. Ġen 1, 27, infatti, fih ritmu poetiku, regolat mir-regoli tal-paralelliżmu, u f'dan il-każ paralelliżmu kjastiku progressiv (vers jispjega lill-ieħor bil-maqlub). Huwa ċar li l-parallel ta' "xbieha" huwa "raġel u mara", jiġifieri l-bniedem fil-bipolarità tiegħu sesswali (raġel u mara). Huwa biss l-umanità bħala maskilità u femminilità li hija l-vera xbieha ta' Alla, l-istatwa ħajja tiegħu, l-ikona tiegħu.

Dan ir-rapport strett ta' reċiproċità u ta' referenza bejn il-koppja u Alla, u bil-maqlub, iċarrat id-dlam tagħna kemm fuq livell antropoloġiku u kemm teoloġiku, u jiftaħna għal għarfien ferm iktar profond kemm tal-koppja u kemm ta' Alla: l-ikona ta' Alla nnifsu hija l-koppja. Dinjità superlattiva tal-koppja; kondixxendenza ta' Alla. Il-koppja prezzjożissima għal Alla.

Dwar il-koppja, jekk hija immaġini, ikona, ta' Alla, allura toħroġ bħala konsegwenza naturali l-indissolubiltà tar-raġel mill-mara, tal-koppja, taż-żwieġ. Jekk Alla huwa u jibqa' dejjem wieħed, hekk ukoll il-miżżewġin: huma, u għandhom jibqgħu, ħaġa waħda. L-unità tagħhom infatti qiegħda fih, f'Alla, fl-Etern, li tiegħu huma l-ikona, ix-xbieha. Min-naħa l-oħra, il-koppja hija msejħa biex timmudella lilha nnifisha fuq Alla nnifsu: il-miżżewġin iħobbu lil xulxin dejjem, għax "Alla huwa mħabba" (1Ġw 4, 8), ikunu fidili lejn xulxin dejjem, għax Alla huwa fidil (S 100, 5; 117, 2), jixbhu lil Alla fit-tjieba (Nm 14, 18; S 30, 6), fil-ħila li jaħfru (S 130, 4; Dn 9, 9), fil-ħniena (Es 34, 6; Dt 5, 10), fil-fekondità, billi jikkollaboraw fl-opra tal-ħolqien ta' Alla nnifsu (Għerf 1, 14), li "jħobb kull ma jgħix" (Għerf 11, 26). Issa jekk raġel u mara, maħluqa minn Alla, kapaċi jħobbu lil xulxin b'dan il-mod, allura l-istess koppja hija tassew mera, ikona, xbieha ta' Alla, għax hu ukoll hekk jagħmel. Il-koppja tikxef, tirrivela min hu Alla. Il-koppja turi lil Alla bħala missier, imma wkoll bħala omm. Ġwanni Pawlu II darba qal: Alla hu missier, imma fuq kollox huwa omm!

L-aħħa ħaġa: fl-aħħar tas-sitt jum, li fih Alla ħalaq l-*adàm* sesswat, ir-rakkont ma jgħidx biss: "U Alla ra li kien tajjeb", bħalma qal fis-sitt ijiem l-oħra tal-ħolqien (1, 4.10.12.18.21.25), imma "U ħares Alla lejn kull ma kien għamel, u, ara, kollox kien tajjeb *ħafna*" (1, 31). Messaġġ ċar: is-sesswalità mhijiex xi ħaġa li Alla ma setax jgħaddi mingħajrha biex ikattar il-ħolqien, imma hija valur li riedu espressament hu, riedu tajjeb ħafna, u li meta ħalaq hekk biss lill-bniedem u qiegħdu f'nofs il-bqija tal-ħolqien li Alla seta' jgħid: "Dan tajjeb ħafna".

Għalhekk l-*adàm*, li Alla ħalaq fuq ix-xbieha u s-sura tiegħu, huwa l-għaqda tar-raġel u l-mara, huwa l-koppja! Mhux ir-raġel waħdu. Mhux il-mara waħidha, imma t-tnejn flimkien jagħmlu x-xbieha ta' Alla. Il-koppja hija xbieha u sura ta' Alla.


Fl-Art Imqaddsa
mal-Franġiskani - 2011
20 Lulju – 28 Lulju
3 Awwissu – 11 Awwissu
24 Awwissu – 1 Settembru
7 Settembru – 15 Settembru
Art Imqaddsa u Sinaj
3 Novembru – 13 Novembru
Ikteb jew ċempel:
Kummissarjat tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

# L-Art Imqaddsa mal-Franġiskani

ċempel: 21242254







